# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 20

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

27 ta' Jannar 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Informazzjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Iżvezja** ........ 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108 tas-26 ta' Jannar 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** ........ 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/109 tas-26 ta' Jannar 2015 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire** ........ 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/110 tas-26 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw fil-Bjelorussja, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u r-Russja u li jtemm il-proċediment fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw fl-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/111 tas-26 ta' Jannar 2015 li jistabbilixxi miżuri sabiex tittaffa t-theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tal-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fil-Baħar Ċeltiku, il-Kanal Ingliż, il-Baħar Irlandiż u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana** ........ 31

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/112 tas-26 ta' Jannar 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 34

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/113 tas-26 ta' Jannar 2015 li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 539/2007 fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd ........ 36

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/114 tas-26 ta' Jannar 2015 li jiffissal-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 536/2007 għal-laħam tat-tjur li ġej mill-Istati Uniti tal-Amerika ........ 38

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/115 tas-26 ta' Jannar 2015 li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael ........ 40

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020** 42

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117 tas-26 ta' Jannar 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** ........ 85

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/118 tas-26 ta' Jannar 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire** 87

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Informazzjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Iżvezja**

Fil-15 ta' Jannar 2015, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmaw fi Brussell il-Ftehim dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Iżvezja [1].

Ghaldaqstant il-Ftehim japplika fuq bażi proviżorja mill-15 ta' Jannar 2015 skont l-Artikolu 9 tiegħu.

(1) ĠU L 224, 30.7.2014, p. 3.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/108

### tas-26 ta' Jannar 2015

### li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Permezz tas-sentenzi tagħha tat-13 ta' Novembru 2014 fil-Kawżi T-653/11, T-654/11 u T-43/12, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġu inklużi Aiman Jaber, Khaled Kaddour, Mohammed Hamcho u Hamcho International fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Aiman Jaber, Khaled Kaddour, Mohammed Hamcho u Hamcho International għandhom jerġgħu jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, abbażi ta' dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet ġodda.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

*ANNESS*

Il-persuni u l-entità li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

**I. LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 14 U 15(1)(a)**

A. PERSUNI

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 18. | Mohammed (محمد) Hamcho (حمشو) | Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1966.<br>Nru tal-Passaport 002954347 | Negozjant prominenti Sirjan, is-sid ta' Hamcho International, qrib ta' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan, inkluż il-President Bashar al-Assad u Maher al-Assad.<br>Minn Marzu 2014, huwa kien jokkupa l-pożizzjoni ta' President għaċ-Ċina tal-Kunsilli tan-Negozju Bilaterali wara l-ħatra tiegħu mill-Ministru għall-Ekonomija, Khodr Orfali.<br>Mohammed Hamcho jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw ir-reġim. | 27.1.2015 |
| 28 | Khalid (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Qaddur (قدور) (magħruf ukoll bħala Qadour, Qaddour, Kaddour) | | Negozjant prominenti Sirjan, qrib ta' Maher al Assad, figura ewlenija tar-reġim Sirjan.<br>Khalid Qaddur jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw lir-reġim. | 27.1.2015 |
| 33 | Ayman (أيمن) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Aiman Jaber) | Post tat-twelid: Latakia | Negozjant prominenti Sirjan, qrib ta' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan bħal Maher al-Assad u Rami Makhlouf.<br>Huwa wkoll ta appoġġ lir-reġim billi ffaċilita l-importazzjoni taż-żejt minn Overseas Petroleum Trading lejn is-Sirja permezz tal-kumpannija tiegħu El Jazireh.<br>Ayman Jabir jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw lir-reġim. | 27.1.2015 |

B. ENTITAJIET

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 3. | Hamcho International<br>(magħrufa wkoll bħala Hamsho International Group) | Baghdad Street, PO Box 8254 Damasku<br>Tel. 963 112316675<br>Fax 963 112318875<br>Internet: www.hamshointl.com<br>Email: info@hamshointl.com u hamshogroup@yahoo.com | Hamcho International hija kumpannija azzjonarja Sirjana kbira li hija ta' proprjetà ta' Mohammad Hamcho.<br>Hamcho International tibbenefika minn, u tipprovdi appoġġ lir-reġim u hija assoċjata ma' persuna li tibbenefika minn, u tappoġġa lir-reġim. | 27.1.2015 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/109

## tas-26 ta' Jannar 2015

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 tat-12 ta' April 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' April 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 560/2005.

(2) Fl-20 ta' Novembru 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Côte d'Ivoire ħassar persuna waħda mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 9 u 12 ta' dik ir-Riżoluzzjoni.

(3) Il-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 560/2005 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 560/2005 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. DŪKLAVS

[1] ĠU L 95, 14.4.2005, p. 1.

*ANNESS*

L-entrata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 560/2005 għall-persuna li ġejja hija mħassra:

Alcide DJÉDJÉ

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/110**

**tas-26 ta' Jannar 2015**

**li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw fil-Bjelorussja, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u r-Russja u li jtemm il-proċediment fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw fl-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2) u (5) tiegħu,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

## 1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Il-Kunsill, wara investigazzjoni ta' antidumping ("l-investigazzjoni preċedenti"), permezz tar-Regolament (KE) Nru 1256/2008 ([2]), impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7306 30 41, ex 7306 30 49, ex 7306 30 72 u ex 7306 30 77 li joriġinaw fil-Bjelorussja (minn issa 'l quddiem Bjelorussja), ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), ir-Russja, it-Tajlandja u l-Ukraina ("il-miżuri antidumping definittivi"). Il-miżuri ħadu l-għamla ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn 10,1 % u 90,6 %.

## 2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(2) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' għeluq taż-żmien imminenti ([3]) tal-miżuri antidumping definittivi fis-seħħ, il-Kummissjoni, fit-18 ta' Settembru 2013, rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami tal-għeluq taż-żmien ta' dawn il-miżuri, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba ġiet ippreżentata mill-Kumitat tad-Difiża tal-industrija tat-tubi tal-azzar iwweldjati tal-Unjoni Ewropea ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' tubi u pajpijiet iwweldajti.

(3) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri probabbli tirriżulta f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

## 3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(4) Wara li stabbilixxiet, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2013 ħabbret, permezz ta' notifika ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("in-Notifika ta' Bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

## 4. L-investigazzjoni

### 4.1. *Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u l-perjodu kkunsidrat*

(5) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013 ("il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami" jew "PIR"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sat-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieażmi ("il-perjodu kkunsidrat").

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 343, 19.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU C 136, 15.5.2013, p. 25.
([4]) ĠU C 372, 19.12.2013, p. 21.

4.2. *Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment*

(6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fil-Bjelorussja, lir-RPĊ, lir-Russja u lill-Ukraina ("il-pajjiżi kkonċernati"), lill-importaturi mhux relatati u l-utenti magħrufa li se jkunu kkonċernati kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiżi kkonċernati, dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fin-Notifika ta' Bidu.

(7) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smigħ.

4.2.1. Il-kampjunar fir-rigward tal-produtturi esportaturi

(8) Fid-dawl tal-għadd apparentament kbir ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ, ir-Russja u l-Ukraina, il-kampjunar ġie previst fin-Notifika ta' Bidu skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-kampjunar ikunx meħtieġ u, jekk ikun, biex jintgħażel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq intalbu, li jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-rieżami u li jipprovdu t-tagħrif mitlub fin-Notifika ta' Bidu lill-Kummissjoni.

(9) Fl-aħħar, il-Kummissjoni ma rċevietx tweġibiet ta' kampjunar mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ. Waslet tweġiba waħda ta' kampjunar minn produttur esportatur wieħed fl-Ukraina. Waslu tliet tweġibiet ta' kampjunar minn produtturi esportaturi fir-Russja. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kampjunar ta' produtturi esportaturi ma kienx meħtieġ.

4.2.2. Il-kampjunar fir-rigward tal-importaturi u l-produtturi tal-Unjoni

(10) Minħabba l-għadd apparentament kbir ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni, il-kampjunar ġie previst fin-Notifika ta' Bidu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-kampjunar ikunx meħtieġ u, jekk ikun, biex jintgħażel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq intalbu, biex jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-rieżami u jipprovdu t-tagħrif mitlub fin-Notifika ta' Bidu lill-Kummissjoni. Minħabba li ma waslet l-ebda tweġiba minn importatur mhux relatat, il-kampjunar ma ġiex applikat għal importaturi mhux relatati.

(11) Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni involuti f'dan il-proċediment, in-Notifika ta' Bidu ħabbret li l-Kummissjoni kienet għażlet provviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni għad-determinazzjoni tal-ħsara skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Din l-għażla minn qabel kienet saret bl-użu tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni fl-istadju tal-bidu u kienet ibbażata fuq il-volum tal-bejgħ, il-volum tal-produzzjoni u l-lok ġeografiku tal-produtturi fl-Unjoni. Il-kampjun ikkorrisponda għall-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u bejgħ li b'mod raġonevoli seta' jiġi mistħarreġ fiż-żmien disponibbli, li rrappreżenta 52 % tal-produzzjoni totali u l-bejgħ lil konsumaturi mhux relatati fl-UE tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-kampjun kien rappreżentattiv fir-rigward tas-sit ġeografiku tal-kumpaniji minħabba li kopra erba' Stati Membri differenti. Il-produtturi tal-UE ġew ikkonsultati dwar il-kampjun propost fid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Minħabba li l-ebda produttur addizjonali ma ppreżenta lilu nnifsu u ma waslu l-ebda kummenti dwar il-kampjun, il-kampjun propost ġie kkonfermat.

(12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' ħsara u l-interess tal-Unjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi u lill-produtturi tal-Unjoni magħżula fil-kampjun. Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produtturi fl-Unjoni:

— Arcelor Mittal Karvina, ir-Repubblika Ċeka,

— Arcelor Mittal Krakow, il-Polonja,

— Arvedi Tubi Acciaio S.p.A., Cremona, l-Italja,

— Tata Steel UK Limited, Corby; ir-Renju Unit;

(b) Il-produttur espotatur fil-Bjelorussja:

— Mogilev Metallurgical Works, Mogilev, il-Bjelorussja;

(c) In-negozjant relatat mal-produttur esportatur fl-Ukraina:

— Interpipe Europe SA, Lugano, l-Isvizzera;

(d) Il-produttur fir-Russja:

— Pervouralsk New Pipe Plant, Pervouralsk, ir-Russja;

(e) Il-produttur fil-pajjiż analogu:

— Robor Ltd. Johannesburg, l-Afrika t'Isfel.

## B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 1. Il-prodott ikkonċernat

(13) Il-prodott ikkonċernat huwa tubi u pajpijiet iwweldjati, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, b'qatgħa trasversali perpendikolari ċirkolari u b'dijametru estern li ma jaqbiżx il-168,3 mm, esklużi l-pajpijiet tal-linja tat-tip użati fil-pipelines taż-żejt jew tal-gass, casing u tubi tat-tip użati fit-tħaffir għaż-żejt jew il-gass, tubi ta' preċiżjoni u tubi u pajpijiet b'fittings imqabbda adattati biex jgħaddu minnhom gassijiet jew likwidi għall-użu fl-inġenji tal-ajru ċivili, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7306 30 41, ex 7306 30 49, ex 7306 30 72 u ex 7306 30 77, li joriġinaw mill-Bjelorussja, mir-RPĊ, mir-Russja u mill-Ukraina.

(14) L-investigazzjoni wriet li t-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat kollha għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u bażikament jintużaw għall-istess għanijiet.

### 2. Il-prodott simili

(15) It-tubi u l-pajpijiet iwweldjati prodotti u mibjugħin fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni u t-tubi u l-pajpijiet iwweldjati prodotti u mibjugħin fil-pajjiżi kkonċernati u l-pajjiż analogu nstabu li kellhom essenzjalment l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u l-istess użi bażiċi tat-tubi bħall-pajpijiet u tubi iwweldjati prodotti fil-pajjiż kkonċernati u mibjugħin għall-esportazzjoni lill-Unjoni. Għalhekk jitqiesu simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. **IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW IR-RIKORRENZA TA' DUMPING**

(16) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti tkunx probabbilment se twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping mill-erba' pajjiżi kkonċernati.

(17) L-erba' pajjiżi kollha taħt investigazzjoni esportaw kwantitajiet negliġibbli tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping għall-ebda mill-erba' pajjiżi taħt investigazzjoni. Il-valutazzjoni kienet limitata għall-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping bl-użu tal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra. Bħal fl-investigazzjoni preċedenti, l-esportazzjonijiet lejn il-Bjelorussja ma ġewx ikkunsidrati għal dan il-għan.

IL-PAJJIŻI BL-EKONOMIJA MHUX TAS-SUQ

### 1. Il-Pajjiż Analogu

(18) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-Bjelorussja u r-RPĊ mhumiex ikkunsidrati bħala pajjiżi bl-ekonomija tas-suq. Fl-investigazzjoni preċedenti, l-Istati Uniti tal-Amerika ntużat bħala pajjiż analogu biex jiġi stabbilit il-valur normali. Fin-Notifika ta' Bidu l-Istati Uniti tal-Amerika kien previst biex tintuża bħala pajjiż analogu f'dan ir-rieażmi ta' skadenza, kif ġie ssuġġerit mill-applikant.

(19) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand Mogilev kif ukoll mill-awtoritajiet tal-Bjelorussja. Ma waslu l-ebda kummenti mingħand partijiet interessati fir-RPĊ.

(20) Il-partijiet interessati tal-Bjelorussja argumentaw li l-Istati Uniti tal-Amerika ma kinitx għażla xierqa minħabba rabtiet allegati bejn l-uniku produttur tal-Istati Uniti li kkoopera u l-industrija tal-Unjoni.

(21) Il-partijiet interessati tal-Bjelorussja ssuġġerew li tintuża r-Russja bħala pajjiż analogu minħabba li l-industrija tal-azzar Russa allegatament hija simili għal dik tal-Bjelorussja minħabba r-rabtiet komuni tagħhom ma' dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika.

(22) Madankollu, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-valur tal-gass naturali ma kienx rifless sewwa fl-ispiża tal-produzzjoni tal-uniku produttur li kkoopera fir-Russja (ara l-premessa (69) hawn taħt). Barra minn hekk, il-kooperazzjoni minn dan il-produttur fir-Russja ma kinitx biżżejjed (ara l-premessa (61) hawn taħt). Għalhekk, l-għażla tar-Russja ma kinitx meqjusa bħala xierqa.

(23) Il-Kummissjoni identifikat ukoll pajjiżi terzi oħrajn li jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni kkuntattjat produtturi f'14-il pajjiż magħrufa li huma produtturi tal-azzar. Dawn kienu jinkludu pajjiżi bħal Bosnja Ħerzegovina, il-Brażil, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, l-Afrika t'Isfel, il-Korea t'Isfel u t-Tajwan.

(24) Fl-aħħar, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi tal-Istati Uniti tal-Amerika. Madankollu, il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju mill-produtturi f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fl-Afrika t'Isfel. Minħabba d-daqs sinifikanti tal-bejgħ domestiku tal-produttur tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-produttur fl-Afrika t'Isfel bħala l-aktar għażla xierqa.

IL-BJELORUSSJA

## 1. **Kumment preliminari**

(25) L-akbar produttur magħruf mill-Bjelorussja, OJSC Mogilev Metallurgical Works ("Mogilev") ikkoopera fl-investigazzjoni. Madankollu, Mogilev ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Għalhekk, informazzjoni dwar prezzijiet probabbli ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni kienet ibbażata fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħrajn, kif indikat fil-premessa (27) hawn taħt.

## 2. **Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.**

### 2.1. *Determinazzjoni tal-valur normali*

(26) Il-valur normali għall-Bjelorusssja ġie stabbilit skont it-tip tal-prodott għall-prodott simili, abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku lil konsumaturi mhux relatati fil-perkors normali tal-kummerċ fl-Afrika t'Isfel (il-pajjiż analogu). Meta ma sar l-ebda bejgħ ta' tip ta' prodott tal-prodott simili fil-perkors normali ta' kummerċ jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku tal-Afrika t'Isfel, il-Kummissjoni ħolqot il-valur normali biż-żieda tal-kost tal-produzzjoni tal-bejgħ tal-prodott simili, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u l-profitt.

### 2.2. *Id-determinazzjoni tal-prezz probabbli tal-esportazzjoni*

(27) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, Mogilev ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-prezz probabbli tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ lejn pajjiżi terzi oħrajn.

### 2.3. *Tqabbil*

(28) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz probabbli tal-esportazzjoni sar abbażi tal-prezz mill-fabbrika. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust tqiesu d-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(29) Fejn applikabbli saru konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, ir-rifużjonijiet, l-iskontijiet u l-livell tal-kummerċ.

2.4. *Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.*

(30) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġni ta' dumping probabbli skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ġie stabbilit għal 28,4 %.

## 3. L-iżvilupp tal-esportazzjonijiet fil-każ li l-miżuri jitħassru

### 3.1. *Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi*

(31) Il-linji ta' produzzjoni ta' Mogilev ġew utilizzati kemm għall-produzzjoni ta' tubi u pajpijiet iwweldjati kif ukoll għall-produzzjoni ta' profili vojta minn ġewwa (fażi żgħira tal-produzzjoni biss tissepara l-produzzjoni taż-żewġ prodotti). Mogilev ipproduċa volumi sinifikanti ta' profili vojta minn ġewwa u esportahom lejn *inter alia* l-Unjoni, minħabba li ma hemm l-ebda dazji antidumping fis-seħħ fuq dawn il-prodotti. Barra minn hekk, Mogilev ipproduċa pajpijiet iwweldjati b'dijametru ta' aktar minn 168,3 mm ("pajpijiet kbar"), li mhumiex soġġetti għad-dazji antidumping fl-Unjoni.

(32) Abbażi ta' din it-taħlita tal-prodott, il-kapaċità żejda ta' Mogilev tiġi kkalkulata għal madwar 20 000 tunnellata, jew madwar 5 % tal-konsum tal-Unjoni.

(33) Għalhekk, fil-każ li l-miżuri jitħassru, hemm riskju li Mogilev ibigħ kwantitajiet sinifikanti ta' pajpijiet iwweldjati lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(34) Wara d-divulgazzjoni, Mogilev sostna li l-kapaċità żejda attwali hija inqas b'mod sinifikanti minħabba ostakolu fl-ittestjar idrawliku. Madankollu, l-ittestjar idrawliku huwa biss pass żgħir fil-proċess kollu tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, u tali ostakolu huwa għalhekk relattivament faċli biex jiġi eliminat. Għaldaqstant l-argument biex tiġi stabbilita l-kapaċità żejda tal-impjant abbażi tal-ostakolu fit-tagħmir tal-ittestjar idrawliku ma jistax jiġi aċċettat.

### 3.2. *L-ispostament tal-produzzjoni minn prodotti oħra magħmula fl-istess faċilitajiet*

(35) Kif indikat fil-premessa (31) hawn fuq, bħalissa jkun jaqbel lil Mogilev li jipproduċi profili vojta minn ġewwa, minħabba li dawn mhumiex soġġetti għal dazji antidumping, filwaqt li l-pajpijiet iwweldjati huma soġġetti għal dazji antidumping fl-Unjoni. Fil-fatt, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produzzjoni kienet ffukata ħafna fuq prodotti mhux soġġetti għal dazji antidumping fl-Unjoni, li kienu jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira ta' prodotti. Fin-nuqqas ta' miżuri fuq pajpijiet iwweldjati, jista' jkun mistenni li Mogilev se jipproduċi taħlita tal-prodott aktar ibbilanċjata, billi jiġu spostati l-kapaċitajiet minn prodotti li bħalissa mhumiex soġġetti għal miżuri għal pajpijiet iwweldjati.

(36) Għalhekk, hemm riskju sostanzjali li Mogilev se jittrasferixxi mill-inqas parzjalment il-produzzjoni minn prodotti li bħalissa mhumiex soġġetti għal dazji antidumping għal pajpijiet iwweldjati għas-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma oġġett ta' dumping fil-każ li l-miżuri jitħassru.

(37) Wara d-divulgazzjoni, Mogilev argumenta li ma kienx se jaqleb it-taħlita tal-prodott tiegħu immedjatament minn profili vojta ta' tubi u pajpijiet iwweldjati, minħabba li għal numru ta' snin kien ibigħ profili vojta f'ħafna proporzjonijiet ogħla minn tubi u pajpijiet iwweldjati u ma jkunx hemm raġunijiet biex tinbidel din il-prattika.

(38) F'dan ir-rigward, ta' min jiġbed l-attenzjoni li l-UE hija l-akbar suq ta' Mogilev għal profili vojta u li Mogilev bħalissa ma jbigħx tubi u pajpijiet iwweldjati fis-suq tal-Unjoni. Mogilev ma pprovdiet l-ebda evidenza li jekk il-miżuri jitħassru, il-proporzjon tal-bejgħ lill-UE bejn il-prodotti differenti ma jinbidilx. Għalhekk, il-konklużjoni li jekk il-miżuri jitħassru, Mogilev x'aktarx li jipproduċi taħlita ta' prodotti aktar ibbilanċjata u jagħmel spostament mill-inqas parzjalment tal-produzzjoni minn profili vojta ta' tubi u pajpijiet iwweldjati għas-suq tal-Unjoni tinżamm.

3.3. *L-attrattività tas-suq tal-Unjoni*

(39) Kif imsemmi fil-premessa (27) hawn fuq, ma kien hemm l-ebda esportazzjoni mill-Bjelorussja tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Għaldaqstant, il-probabbiltà ta' riskju għad-devjazzjoni tal-kummerċ lejn is-suq tal-Unjoni fil-każ li l-miżuri jitħassru għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:

— Il-prezzijiet tal-bejgħ prevalenti lil swieq oħra tal-esportazzjoni;

— Il-prezzijiet prevalenti fis-suq tal-Unjoni, kemm tal-industrija tal-Unjoni u ta' sorsi oħra ta' importazzjonijiet; kif ukoll

— L-imġiba tal-bejgħ minn Mogilev għal prodotti mhux soġġetti għal dazji antidumping.

(40) Meta jitqabbel il-prezz medju tal-bejgħ ta' Mogilev lejn pajjiżi oħra ma' dawk fis-suq tal-Unjoni, jista' jinstab livell sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz. Meta mqabbel ma' prezzijiet medji ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, il-livell ta' twaqqigħ tal-prezz ivarja bejn 30 % u 50 %. Il-prezzijiet ta' Mogilev huma iktar baxxi wkoll minn sorsi oħra ta' importazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni bħalma huma l-Indja u t-Turkija.

(41) L-attrattività probabbli tas-suq tal-Unjoni tissaħħaħ ukoll mill-fatt li Mogilev diġà għandu mezzi ta' bejgħ eżistenti użati bħalissa għal bejgħ ta' prodotti oħra, li jistgħu jintużaw ukoll biex jinbiegħ il-prodott ikkonċernat fil-każ li l-miżuri jitħassru.

(42) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li, fil-każ li l-miżuri jitħassru, hemm riskju sinifikanti ta' direzzjoni mill-ġdid tal-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li jkunu oġġett ta' dumping minħabba li s-suq tal-Unjoni huwa aktar attraenti f'termini ta' prezzijiet.

(43) Wara d-divulgazzjoni, Mogilev sostna li ż-żieda sinifikanti tal-bejgħ tiegħu ta' tubi u pajpijiet iwweldjati fis-suq domestiku u fis-suq Russu matul il-perjodu kkunsidrat ma kinitx ġiet ikkunsidrata kif xieraq. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li ż-żieda fil-volumi ta' bejgħ f'dawn is-swieq ġiet ikkonfermata matul l-investigazzjoni. Fil-kummenti tiegħu wara d-divulgazzjoni, Mogilev ikkonferma wkoll li t-tubi u l-pajpijiet iwweldjati jinbiegħu bi prezzijiet li huma aktar baxxi minn prezzijiet tas-suq prevalenti fis-suq tal-UE. Għaldaqstant, il-fatt li l-volumi tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-suq Russu kienu qed jiżdiedu matul iż-żmien ma għandux inaqqas jew jelimina r-riskju ta' direzzjoni mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni, minħabba prezzijiet aktar attraenti tal-UE. Id-dikjarazzjoni ta' ġiet għalhekk miċħuda.

4. **Il-konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping**

(44) Il-kapaċità żejda disponibbli fil-Bjelorussja, ir-riskju tat-trasferiment tal-produzzjoni minn prodotti oħra għall-prodott ikkonċernat u l-attrattività tal-livell tal-prezz relattivament fis-suq tal-Unjoni jwasslu għall-konklużjoni li hemm riskju ta' żieda fl-esportazzjonijiet tal-Bjelorussja tal-prodott ikkonċernat fil-każ li l-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

Ir-RPĊ

1. **Kummenti preliminari**

(45) Kif iddikjarat fil-premessa (9) hawn fuq, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda risposta mir-RPĊ. B'hekk, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, l-analiżi globali, inkluż il-kalkolu tad-dumping, huwa bbażat fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. L-awtoritajiet Ċiniżi ġew infurmati dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li tibbaża r-riżultati tagħha fuq fatti disponibbli.

(46) Għalhekk, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping ġiet ivvalutata bl-użu tat-talba għal rieżami tal-iskadenza, flimkien ma' sorsi oħra ta' informazzjoni, bħalma huma l-istatistika dwar il-kummerċ dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet (id-dejta tal-esportazzjoni tal-Eurostat u dik Ċiniża) u l-Metal Bulletin.

(47) In-nuqqas ta' kooperazzjoni affettwat it-tqabbil tal-valur normali mal-prezz tal-esportazzjoni ta' tipi differenti tal-prodott. Ġie meqjus xieraq li jiġi stabbilit kemm il-valur normali kif ukoll il-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi globali, jiġifieri bbażati fuq valuri medji, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

## 2. **Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.**

### 2.1. *Determinazzjoni tal-valur normali*

(48) Il-valur normali għar-RPĊ ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku lil konsumaturi mhux relatati fil-perkors normali tal-kummerċ fl-Afrika t'Isfel (il-pajjiż analogu).

### 2.2. *Determinazzjoni tal-prezz probabbli tal-esportazzjoni*

(49) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-prezzijiet tal-esportazzjoni kellhom jiġu bbażati fuq fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(50) Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat l-istatistika mill-Eurostat. Madankollu, il-kwantitajiet importati tal-prodott importat mir-RPĊ kienu ferm limitati u, b'hekk, il-prezzijiet tagħhom kienu kkunsidrati mhux rappreżentattivi. Għal din ir-raġuni, il-prezz probabbli tal-esportazzjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-istatistika Ċiniża dwar il-kummerċ tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

### 2.3. *Tqabbil*

(51) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz probabbli tal-esportazzjoni sar abbażi tal-prezz mill-fabbrika. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust tqiesu d-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(52) Fejn applikabbli saru konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, spejjeż tal-assigurazzjoni, il-VAT mhux rimborsabbli, il-kostijiet tal-esportazzjoni, ir-rifużjonijiet u l-iskontijiet.

### 2.4. *Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.*

(53) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġni tad-dumping probabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ġie stabbilit għal 39,3 %.

## 3. **L-iżvilupp tal-esportazzjonijiet fil-każ li l-miżuri jitħassru**

### 3.1. *Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi*

(54) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kull produttur esportatur Ċiniż, ġew użati s-sorsi li ġejjin:

— l-informazzjoni mogħtija mill-applikant

— il-pubblikazzjonijiet disponibbli (pereżempju l-Metal Bulletin)

— l-informazzjoni miġbura fl-investigazzjoni preċedenti

(55) L-industrija tal-pajpijiet iwweldjati Ċiniżi hija magħrufa bħala li hija l-akbar fid-dinja. Il-Metal Bulletin irrapporta output annwali għal pajpijiet iwweldjati ta' madwar 35 miljun tunnellata fl-2012. L-applikant stima li l-kapaċità tal-produzzjoni ta' pajpijiet iwweldjati fir-RPĊ jaqbeż sew il-45 miljun tunnellata fis-sena. Il-kapaċità żejda totali taqbeż l-10 miljun tunnellata, li jirrappreżentaw 25 darbiet it-total tal-konsum apparenti tal-UE tal-pajpijiet iwweldjati.

(56) Għalhekk, fil-każ li l-miżuri jitħassru, hemm riskju sostanzjali li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jbigħu kwantitajiet sinifikanti ta' pajpijiet iwweldjati lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

### 3.2. *L-attrattività tas-suq tal-Unjoni*

(57) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kull produttur esportatur Ċiniż, ir-riżultati huma bbażati fuq il-fatti disponibbli. Għal dan l-għan, ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ lejn is-suq tal-Unjoni fil-każ li l-miżuri jitħassru huwa bbażat fuq is-sorsi disponibbli għall-pubbliku.

(58) Sorsi disponibbli pubblikament bħal Metal Bulletin irrapurtaw livell tal-prezzijiet Ċiniżi ferm inqas mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' EUR 848/tunnellata u l-prezzijiet medji tal-importazzjoni lejn l-Unjoni minn pajjiżi esportaturi ewlenin bħalma huma l-Indja u t-Turkija. Meta mqabbel mal-prezzijiet medji ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, il-livell ta' twaqqigħ tal-prezz ivarja bejn 30 % u 50 %. Dan ċertament juri l-attrattività tas-suq tal-Unjoni u l-kapaċità taċ-Ċiniżi li jikkompetu permezz tal-prezzijiet fil-każ li l-miżuri jitħassru.

(59) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li minħabba d-differenza sostanzjali fil-prezz imsemmija hawn fuq, hemm riskju sinifikanti ta' devjazzjoni tal-kummerċ minn pajjiżi terzi bi prezz aktar baxx għas-suq tal-Unjoni li jħalli iktar qligħ fil-każ li l-miżuri jitħasssru.

## 4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping

(60) Il-kapaċità żejda disponibbli fir-RPĊ u l-livell tal-prezz attraenti fis-suq tal-Unjoni jwasslu għall-konklużjoni li hemm riskju ta' żieda sinifikanti fl-esportazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat fil-każ li l-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

IL-PAJJIŻI BL-EKONOMIJA TAS-SUQ

*IR-RUSSJA*

## 1. Kummenti preliminari

(61) Żewġ produtturi esportaturi Russi li jirrappreżentaw madwar 75 % tal-produzzjoni Russa li ssottomettew tweġibiet tal-kampjunar aktar tard infurmaw lill-Kummissjoni li ma kellhomx l-intenzjoni li jwieġbu għall-kwestjonarju tal-produttur esportatur. Produttur wieħed żgħir biss mingħajr esportazzjonijiet lejn l-Unjoni u esportazzjonijiet mhux sinifikanti lejn pajjiżi oħra kkoopera fl-investigazzjoni billi wieġeb għall-kwestjonarju u aċċetta li ssir żjara ta' verifika. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni sinifikanti mill-produtturi esportaturi fir-Russja, l-analiżi globali, inkluż il-kalkolu ta' dumping, huwa bbażat fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-produtturi esportaturi Russi li ma kkooperawx kif ukoll l-awtoritajiet Russi ġew infurmati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li tibbaża r-riżultati tagħha fuq il-fatti disponibbli.

(62) Għalhekk, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping ġiet ivvalutata bl-użu tat-talba għal rieżami tal-iskadenza, flimkien ma' sorsi oħra ta' informazzjoni, bħalma huma l-istatistika kummerċjali tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet, l-istatistika Russa dwar l-esportazzjonijiet u l-Metal Bulletin.

(63) In-nuqqas ta' kooperazzjoni sinifikanti affettwat it-tqabbil tal-valur normali mal-prezz tal-esportazzjoni tat-tipi differenti tal-prodott. Ġie meqjus xieraq li jiġi stabbilit kemm il-valur normali kif ukoll il-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi globali, jiġifieri bbażati fuq valuri medji, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(64) Il-Kummissjoni nnotat li l-istatistika mill-Eurostat irrapportat xi importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Russja. Madankollu, il-kwantitajiet kienu limitati ħafna u b'hekk il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet kienu kkunsidrati mhux rappreżentattivi. Għalhekk, l-informazzjoni dwar il-prezzijiet probabbli ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni kienet ibbażata fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, kif indikat fil-premessa (73) hawn taħt.

## 2. Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

### 2.1. *Determinazzjoni tal-valur normali*

(65) Kif imsemmi fil-premessa (61) hawn fuq, in-nuqqas ta' kooperazzjoni sinifikanti tal-produtturi esportaturi fir-Russja ġiegħlet lill-Kummissjoni li tuża l-fatti disponibbli biex jiġi stabbilit valur normali. Għal dan l-għan, kienet użata l-informazzjoni ppreżentata mill-produttur Russu li kkoopera.

(66) Il-valur normali ġie ddeterminat skont l-Artikolu 2(2), l-ewwel sentenza, tar-Regolament bażiku. L-ewwel ġie stabbilit jekk il-kwantità tal-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni tar-Russja lejn pajjiżi terzi. Il-bejgħ domestiku kien misjub rappreżentattiv jekk il-volum tal-bejgħ ta' dan il-prodott kien jirrappreżenta 5 % jew aktar tal-bejgħ Russu għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

(67) Sussegwentement ġie eżaminat jekk it-tip ta' prodott simili kienx inbiegħ fil-perkors normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ domestiku profitabbli lill-konsumaturi indipendenti għat-tip ta' prodott ikkonċernat.

(68) Sabiex jitwettaq it-test tal-perkors normali tal-kummerċ, ġiet ikkunsidrata l-ispiża medja tal-produzzjoni. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-manifattura, u b'mod partikolari l-ispejjeż tal-enerġija, f'dak li huwa marbut mal-gass, ġie investigat jekk il-prezzijiet tal-gass imħallsa mill-produtturi esportaturi individwali kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-gass.

(69) Instab li l-prezz domestiku tal-gass li tħallas mill-produtturi esportaturi kien madwar 30 % tal-prezz tal-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-dejta kollha disponibbli indikat li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fir-Russja kienu prezzijiet regolati, li huma ferm inqas mill-prezzijiet tas-suq imħallsa fis-swieq tal-esportazzjoni li mhumiex regolati għall-gass naturali tar-Russja. Minħabba li l-ispejjeż tal-gass ma kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-produtturi esportaturi kif previst fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, kellhom jiġu aġġustati kif xieraq. Fin-nuqqas ta' prezzijiet mhux mgħawġa tal-gass rappreżentattivi biżżejjed relatati mas-suq domestiku Russu, kien ikkunsidrat xieraq li l-aġġustament ikun ibbażat, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, fuq informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħra. Il-prezz aġġustat ġie bbażat fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta mibjugħ għall-esportazzjoni fil-fruntiera Ġermaniża/Ċeka (Waidhaus), aġġustat għall-ispejjeż ta' distribuzzjoni lokali. Waidhaus huwa ċ-ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, li huwa kemm l-ikbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandu prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli. Għaldaqstant, jista' jiġi kkunsidrat bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(70) Konsegwentement, il-Kummissjoni għat-test tal-perkors normali tal-kummerċ użat il-kost medju tal-produzzjoni wara l-aġġustament għall-ispiża tal-gass.

(71) Għalhekk, il-valur normali ġie stabbilit bħala l-prezz medju tal-bejgħ domestiku profitabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, peress li l-volum tal-bejgħ profitabbli irrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum tal-bejgħ totali.

### 2.2. *Determinazzjoni tal-prezz probabbli tal-esportazzjoni*

(72) In-nuqqas ta' kooperazzjoni sinifikanti mill-produtturi esportaturi fir-Russja ġiegħlet lill-Kummissjoni li tuża l-fatti disponibbli biex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni. L-informazzjoni mill-uniku produttur Russu li kkoopera ma setgħetx tintuża minħabba li dan il-produttur ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-UE u esporta kwantitajiet żgħar biss lejn pajjiżi terzi oħra.

(73) Għal din ir-raġuni, u minħabba li l-esportazzjonijiet mir-Russja lejn l-Unjoni ma kinux sinifikanti, il-prezz probabbli tal-esportazzjoni kien stabbilit abbażi tal-istatistika tal-esportazzjoni Russa, bl-użu tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħra. Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħra saru fi kwantitajiet sinifikanti.

(74) Minħabba li l-uniku produttur Russu li kkoopera esklussivament ipproduċa l-hekk imsejħa "pajpijiet suwed" (li tfisser pajpijiet mhux galvanizzati), l-unika informazzjoni li tirrigwarda l-pajpijiet is-suwed intużat biex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni. Skont l-istatistika tal-esportazzjoni Russa, il-maġġoranza l-kbira tal-esportazzjonijiet Russi hija marbuta wkoll ma' pajpijiet suwed.

(75) Wara d-divulgazzjoni, l-uniku produttur Russu li kkoopera sostna li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu kellhom ikunu użati minħabba li jammontaw għal aktar minn 10 % tal-bejgħ totali tiegħu. Madankollu, dan il-bejgħ jammonta biss għal inqas minn 2 % tal-esportazzjonijiet totali rrapportati skont l-istatistika tal-esportazzjoni Russa. Abbażi ta' dan, il-konklużjoni li l-prezzijiet ta' esportazzjoni ta' dan il-produttur ma jistgħux jintużaw minħabba l-kwantità insinifikanti tagħhom tinżamm.

### 2.3. *Tqabbil*

(76) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz probabbli tal-esportazzjoni sar abbażi tal-prezz mill-fabbrika. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust tqiesu d-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(77) Fejn applikabbli saru konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport.

2.4. *Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.*

(78) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġni tad-dumping probabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ġie stabbilit għal 38,7 %.

## 3. L-iżvilupp tal-esportazzjonijiet fil-każ li l-miżuri jitħassru

3.1. *Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi*

(79) L-applikant stima li l-kapaċità żejda tal-prodott ikkonċernat fir-Russja taqbeż il-konsum totali fis-suq tal-UE. L-applikant ibbaża l-istimi tiegħu fuq l-informazzjoni ppubblikata f'Metal Expert. Barra minn hekk, l-applikant assuma l-użu tal-kapaċità ta' 56 %, li hija kkonfermata mill-informazzjoni sottomessa mill-produttur li kkoopera.

(80) Għalhekk, fil-każ li l-miżuri jitħassru, hemm riskju sostanzjali li l-produtturi esportaturi Russi jbigħu kwantitajiet sinifikanti ta' pajpijiet iwweldjati lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(81) Wara d-divulgazzjoni, il-produtturi Russi li ma kkooperawx imsemmija fl-inċiż (61) hawn fuq iddikjaraw li l-Kummissjoni kienet injorat informazzjoni li tikkonċerna l-allegata attrattività ta' swieq oħra inkluż is-suq Russu u l-kapaċitajiet żejda fir-Russja mressqa minn dawn il-produtturi.

(82) F'dan ir-rigward, għandu jiġi innutat li l-informazzjoni dwar il-kapaċitajiet żejda kkunsidrat firxa tal-prodott akbar, inkluż profili vojta u pajpijiet b'dijametru wiesa'. Din l-informazzjoni għalhekk hija inqas rilevanti mill-informazzjoni pprovduta mill-applikant. Barra minn hekk, anki abbażi ta' 60 % — 70 % tar-rata tal-użu tal-kapaċità mitluba mill-produtturi Russi, il-kapaċità żejda li tirriżulta hija responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-konsum fis-suq tal-UE.

(83) Fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta minn produtturi Russi li ma kkooperawx dwar attrattività allegata ta' swieq oħra inkluż is-suq Russu, għandu jiġi kkunsidrat qabel kollox li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, din id-dejta ma setgħetx tiġi vverifikata. It-tieni, informazzjoni bħal din kif stabbilit fil-premessi minn (84) sa (86) hawn taħt, tikkontradixxi l-informazzjoni miksuba matul l-investigazzjoni, li hija bbażata fuq l-istatistika tal-esportazzjoni Russa uffiċjali u li ma ġietx ikkontestata miż-żewġ produtturi Russi li ma kkooperawx.

3.2. *L-attrattività tas-suq tal-Unjoni*

(84) Skont l-istatistika Russa dwar il-kummerċ, il-prezz tal-esportazzjonijiet Russi ta' EUR 647/tunnellata huwa ferm inqas mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' EUR 848/tunnellata u b'konformità mal-prezzijiet medji tal-importazzjoni lejn l-Unjoni minn pajjiżi esportaturi ewlenin bħalma huma l-Indja u t-Turkija.

(85) Skont l-istess statistika dwar il-kummerċ, 33 % tal-esportazzjonijiet Russi kollha jinbiegħu għall-Azerbajġan, l-ikbar suq tal-esportazzjoni tar-Russja. Il-prezz tal-bejgħ għall-Azerbajġan huwa ta' EUR 586/tunnellata, u għalhekk ferm inqas mill-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-UE ta' EUR 848/tunnellata, u saħansitra aktar baxx mill-prezzijiet imposti minn esportaturi lejn l-Unjoni ewlenin oħra bħalma huma l-Indja jew it-Turkija. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet Russi lejn l-Azerbajġan huma ekwivalenti għal madwar 15 % tal-konsum tal-UE. Għalhekk, fil-każ li l-miżuri jitħassru, hemm riskju li l-esportazzjonijiet jiġu diretti mill-ġdid lejn l-UE.

(86) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fil-każ li l-miżuri jitħassru, hemm riskju sinifikanti ta' devjazzjoni tal-kummerċ lejn is-suq tal-Unjoni.

## 4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping

(87) Il-kapaċità żejda disponibbli fir-Russja u l-livell tal-prezz attraenti fis-suq tal-Unjoni jwasslu għall-konklużjoni li hemm riskju ta' żieda sinifikanti fl-esportazzjonijiet Russi li huma l-oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat fil-każ li l-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

(88) Wara d-divulgazzjoni, il-partijiet interessati argumentaw li ż-żamma tal-miżuri fis-seħħ kontra r-Russja u t-temma tal-miżuri fis-seħħ kontra l-Ukraina (ara hawn taħt) jikkostitwixxu diskriminazzjoni, minħabba li r-Russja u l-Ukraina kellhom allegatament kapaċitajiet żejda simili.

(89) Din id-dikjarazzjoni mhijiex ikkonfermata mis-sejbiet tal-investigazzjoni, li stabbilixxew kapaċitajiet żejda sinifikanti fir-Russja li jirrappreżentaw mill-inqas il-biċċa l-kbira tal-konsum fis-suq tal-UE. Min-naħa l-oħra, għall-Ukraina, ġie stabbilit li l-kapaċitajiet żejda disponibbli għall-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha huma limitati. Minħabba din id-differenza sinifikanti fil-kapaċitajiet żejda, il-pretensjoni ta' diskriminazzjoni hija għalhekk miċħuda.

*L-UKRAINA*

## 1. Kummenti preliminari

(90) L-uniku produttur esportatur tal-Ukraina, il-"Grupp Interpipe" ("Interpipe"), ikkoopera matul l-investigazzjoni. Interpipe jirrappreżenta l-parti sinifikanti tal-produzzjoni tal-Ukraina u kważi t-totalità tal-ftit esportazzjoni mill-Ukraina lejn l-Unjoni. Hemm mill-inqas erba' produtturi magħrufa tal-Ukraina li ma jikkooperawx, iżda skont l-istatistika tal-kummerċ l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE huma ftit wisq.

(91) Fid-dawl tal-esportazzjonijiet mhux sinifikanti mill-Ukraina lejn l-Unjoni, il-prezz probabbli tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' Interpipe lejn pajjiżi terzi oħra kif deskritt fil-premessa (17) hawn fuq.

## 2. Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

### 2.1. *Determinazzjoni tal-valur normali*

(92) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku għall-uniku produttur esportatur li kkoopera, Interpipe, kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku huwa kkunsidrat rappreżentattiv jekk il-volum tal-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku irrappreżentax mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn pajjiżi terzi oħra matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali ta' Interpipe tal-prodott simili fuq is-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(93) Sussegwentament, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti li nbiegħu li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(94) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' Interpipe għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv, jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dan it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni irrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-bejgħ f'esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li għall-maġġoranza tat-tipi ta' prodotti l-bejgħ domestiku sar fi kwantitajiet rappreżentattivi.

(95) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon ta' bejgħ profitabbli lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(96) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott irrispettivament jekk dan il-bejgħ huwiex profitabbli u sew jekk mhuwiex, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-ispiża kkalkolata tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) il-prezz tal-bejgħ medju peżat ta' dak it-tip ta' prodott huwa daqs jew ogħla mill-ispiża ta' produzzjoni għal kull unità.

(97) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(98) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profitabbli biss tat-tipi ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ profitabbli tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip; jew

(b) il-prezz medju peżat ta' dan it-tip ta' prodott huwa anqas mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità.

(99) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li l-valur normali ġie kkalkulat bħala medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami jew medja peżata tal-bejgħ profittabbli biss skont it-tip ta' prodott.

(100) Fejn ma kienx hemm bejgħ ta' tip ta' prodott simili fil-perkors normali tal-kummerċ, jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħolqot il-valur normali maħdum, skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(101) Il-valur normali inħoloq billi ġew miżjuda dawn li ġejjin mal-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott simili ta' Interpipe matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami:

— l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi tal-bejgħ mġarrba minn Interpipe fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tal-kummerċ, matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami; kif ukoll

— il-profitt realizzat minn Interpipe fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tal-kummerċ, matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

### 2.2. *Il-kalkolu tal-prezz probabbli tal-esportazzjoni*

(102) Fin-nuqqas ta' esportazzjonijiet sinifikanti mill-Ukraina lejn l-Unjoni, il-prezz probabbli tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' Interpipe lejn pajjiżi terzi oħra kif deskritt fil-premessa (17) hawn fuq, li sar fi kwantitajiet żgħar.

(103) Il-bejgħ kollu ta' Interpipe sar direttament lil konsumaturi mhux relatati fil-pajjiżi terzi. Il-prezz tal-bejgħ kien għaldaqstant stabbilit abbażi tal-prezzijiet imħallsa minn dawn il-konsumaturi indipendenti.

### 2.3. *Tqabbil*

(104) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz probabbli tal-esportazzjoni sar abbażi tal-prezz mill-fabbrika. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust tqiesu d-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(105) Fejn applikabbli saru konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport u tal-kreditu

### 2.4. *Dumping probabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami*

(106) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġni tad-dumping probabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku kien 16 %.

(107) Wara d-divulgazzjoni, il-partijiet interessati ddikjaraw li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet kontinwazzjoni tad-dumping għall-Ukraina f'livell ta' 16 %. Madankollu, din id-dikjarazzjoni hija mingħajr bażi minħabba li tidher li hija bbażata fuq nuqqas ta' ftehim. Tabilħaqq, kif imsemmi fil-premessa (17) hawn fuq, il-pajjiżi kollha inkluża l-Ukraina esportat kwantitajiet żgħar tal-prodott lejn l-UE matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Għaldaqstant, l-ebda konklużjonijiet raġjonevoli ma jistgħu jsiru minn dawk il-kwantitajiet u l-ebda kontinwazzjoni ta' dumping ma ġiet stabbilita fir-rigward tal-Ukraina. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni hija miċħuda.

3. **L-iżvilupp tal-esportazzjonijiet fil-każ li l-miżuri jitħassru**

*Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi*

(108) Fl-investigazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-kapaċità tal-produzzjoni fl-Ukraina qabżet l-400 000 tunnellata fis-sena. Madankollu, minn din l-investigazzjoni tnejn mill-produtturi magħrufa ma baqgħux jipproduċu pajpijiet iwweldjati, jiġifieri Lugansk Tube Plant u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant, waħda mill-faċilitajiet tal-Grupp Interpipe. Billi ma hemmx żidiet ikkonfermati fil-kapaċità tal-produzzjoni fl-Ukraina minn dak iż-żmien, il-kapaċitajiet attwali huma ferm aktar baxxi milli matul l-investigazzjoni preċedenti.

(109) Fir-rigward tal-użu tal-kapaċità msemmija fil-premessa (108) hawn fuq, Interpipe wriet li topera bi kważi użu sħiħ tal-kapaċità matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami meta jiġu kkunsidrati l-limitazzjonijiet tekniċi tal-impjant.

(110) Aspett importanti ieħor huwa l-post ġeografiku tal-impjanti tal-Ukraina. Dawn jinsabu fil-parti l-kbira fil-Lvant tal-Ukraina u huma affettwati jew direttament inkella indirettament minn din is-sitwazzjoni ta' sigurtà f'dik il-parti tal-pajjiż. Għalhekk huwa inċert sa liema punt dawn il-kumpaniji jistgħu jużaw b'mod sħiħ il-kapaċitajiet tagħhom ta' produzzjoni.

(111) Wara d-divulgazzjoni, il-partijiet interessati argumentaw li parti mhux negliġibbli tal-produzzjoni tal-Ukraina tinsab barra ż-żona affettwata minn din is-sitwazzjoni tas-sigurtà. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li anki kumpaniji barra din iż-żona huma indirettament affettwati mis-sitwazzjoni ta' sigurtà, pereżempju permezz ta' provvisti qosra ta' materja prima. Huwa għalhekk konkluż li ħafna impjanti tal-Ukraina huma direttament jew indirettament affettwati minn din is-sitwazzjoni tas-sigurtà. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni hija miċħuda.

(112) Fl-istess ħin, minħabba s-sitwazzjoni partikolari tal-Ukraina wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, jista' jkun mistennija li n-negozju tal-kostruzzjoni jassorbi l-kapaċitajiet żejda fis-suq domestiku wara li s-sitwazjoni ta' sigurtà tiġi għan-normal. Il-prodott simili huwa użat ukoll għal skopijiet ta' kostruzzjoni, pereżempju għall-ġarr ta' tagħbija, l-istekkat, il-mezzi ta' protezzjoni u l-armar tat-twavel.

(113) Minħabba t-tnaqqis fil-kapaċità ta' produzzjoni u d-domanda domestika li mistennija tkompli tikber, jiġi konkluż li l-kapaċitajiet żejda disponibbli għall-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha huma limitati.

(114) Wara d-divulgazzjoni, il-partijiet interessati argumentaw li hemm kapaċità żejda sostanzjali fl-Ukraina. Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet ma kinux appoġġati b'evidenza attwali u għalhekk ġew miċħuda.

(115) Il-partijiet interessati sostnew ukoll li Interpipe ħabbret li se żżid sostanzjalment l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-UE b'madwar 60 %, li jikkontradixxi l-argument dwar kapaċitajiet żejda Ukrajni limitati disponibbli għall-esportazzjoni. Madankollu din id-dikjarazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. Interpipe ħabbar informazzjoni dwar il-kumpanija b'mod ġenerali u mhux b'mod speċifiku mal-prodott ikkonċernat. Anki jekk din kienet rilevanti għall-prodott ikkonċernat, iż-żieda sostanzjali ta' madwar 60 % tirriżulta f'sehem fis-suq fl-UE ta' madwar 0,5 %, li huwa xorta waħda kkunsidrat bħala negliġibbli. Dan l-argument għalhekk ma jikkontradixxix il-konklużjoni li l-kapaċitajiet żejda disponibbli għall-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha huma limitati.

(116) L-istess partijiet interessati argumentaw li l-kapaċitajiet żejda m'għandhomx jintużaw bħala element fl-analiżi tad-dumping, minħabba li l-użu tal-kapiċità mhuwiex meqjus bħala indikatur sinifikanti ta' ħsara fl-analiżi tal-ħsara, kif jissemma fil-premessa (139) hawn taħt.

(117) Din id-dikjarazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. L-għan ta' dawn iż-żewġ valutazzjonijiet hija differenti. Fl-analiżi tal-ħsara, jiġi vvalutat jekk l-użu baxx tal-kapaċità jistax jiġi kkunsidrat bħala sinjal ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni, li ma huwiex neċessarjament il-każ meta l-kapaċità li jifdal tista' tintuża għall-produzzjoni ta' prodotti oħra. L-analiżi tad-dumping tiffoka dwar il-kapaċità żejda innifisha, jiġifieri l-kapaċità mhux utilizzata li ma tintużax għall-produzzjoni ta' xi prodotti u għalhekk tkun faċilment disponibbli għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

4. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping**

(118) Il-kapaċità żejda disponibbli limitata fl-Ukraina u r-riskju limitat għal bdil fid-direzzjoni tal-esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping iwasslu għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda riskju ta' żieda sinifikanti fl-esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping tal-Ukraina tal-prodott ikkonċernat fil-każ li l-miżuri fis-seħħ jithallew jiskadu. Huwa għalhekk improbabbli li l-iskadenza tal-miżuri antidumping kontra l-Ukraina se twassal għal rikorrenza ta' dumping fi kwantitajiet sinifikanti fit-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku.

## D. DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

(119) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-prodott simili kien manifatturat minn madwar 20 produttur fl-Unjoni. Il-prodott ta' dawn il-produtturi (stabbilit abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-produtturi li kkooperaw u fuq id-dejta mit-talba ta' rieżami għall-produtturi l-oħra tal-Unjoni) huwa għalhekk meqjus li jikkostitwixxi l-produzzjoni totali tal-Unjoni. Dawn il-produtturi kollha jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(120) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (11), minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni, intgħażel kampjun. Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, l-indikaturi tal-ħsara ġew stabbiliti fiż-żewġ livelli li ġejjin:

— L-elementi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-prezzijiet medji tal-unità, id-daqs tal-marġnijiet tad-dumping u l-irkupru mill-effetti ta' dumping tal-passat) ġew ivvalutati fil-livell tal-industrija tal-Unjoni, abbażi tat-tagħrif miġbur mill-produtturi li kkooperaw u għall-produtturi l-oħra tal-Unjoni, fuq stima bbażata fuq id-dejta mit-talba tar-rieżami.

— L-analiżi tal-elementi mikroekonomiċi (stokkijiet, pagi, profittabbiltà, dħul mill-investimenti, fluss tal-likwidità, possibbiltà li jiżdied il-kapital u l-investimenti) saret għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun abbażi tat-tagħrif tagħhom.

## E. IS-SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI

### 1. Il-konsum tal-Unjoni

(121) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni stess maħsuba għas-suq tal-Unjoni u d-dejta tal-volumi tal-importazzjoni fis-suq tal-Unjoni miksuba mill-istatistika tal-Eurostat.

(122) Matul il-perjodu kollu kkunsidrat, il-konsum tal-UE naqas bi 28 %. Naqas b'6 % fl-2011, bi 8 punti perċentwali fl-2012 u b'10 punti perċentwali oħra fil-perjodu tal-investigazzoni ta' rieżami. Ix-xejra ta' tnaqqis tista' tiġi parzjalment spjegata minn ċertu grad ta' sostituzzjoni teknika fir-rigward tal-pajpijiet tal-ilma hemm xejra li jiġi sostitwit il-pajp tal-azzar bi prodotti alternattivi bħal ram, plastik jew azzar inossidabbli.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-konsum totali tal-UE (f'tunnellati) | 561 955 | 528 191 | 460 847 | 404 394 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *94* | *82* | *72* |

(123) Wara d-divulgazzjoni, il-partijiet interessati sostnew li l-konsum tal-UE kien baxx wisq b'mod sinifikanti. Madankollu, dawn il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza affidabbli biex jappoġġaw id-dikjarazzjoni tagħhom, li għalhekk ma tistax tiġi aċċettata.

### 2. Importazzjonijiet mill-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja

(124) Minħabba li l-investigazzjoni stabbilixxiet li ma hemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping mill-Ukraina (ara l-premessa (17) u (118) hawn fuq), il-ftit importazzjonijiet minn dan il-pajjiż ma tqiesux flimkien mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kkonċernati fl-analiżi hawn taħt.

(125) Sabiex issir valutazzjoni dwar il-kumulazzjoni tal-importazzjonijiet mill-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja, ġiet eżaminata s-sitwazzjoni individwali tat-tliet pajjiżi fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(126) Fir-rigward tal-kwantitajiet u l-marġni tad-dumping u meta jitqies il-volum baxx tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni wettqet analiżi prospettiva tal-volumi probabbli tal-esportazzjoni u marġini ta' dumping għal kull pajjiż, fil-każ li l-miżuri jitħassru. Din żvelat li l-volumi x'aktarx jiżdiedu għal livelli ogħla minn dawk milħuqa fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u ċertament jaqbżu l-limitu ta' negliġibbiltà, fil-każ li l-miżuri jitħassru (ara l-premessi (33), (56) u (80) hawn fuq). Bl-istess mod, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-marġnijiet probabbli ta' dumping ikunu sinifikanti, fil-każ li jitħasssru l-miżuri (ara l-premessi (30), (53) u (78) hawn fuq).

(127) Fir-rigward tal-prezzijiet medji tal-importazzjoni, il-kwantitajiet negliġibbli tal-importazzjonijiet ma jistgħux jintużaw biex jintlaħqu riżultati konklussivi.

(128) Madankollu, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi rilevanti kienu simili. L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat importat mill-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja u l-prodott simili prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni kienu jixxiebhu fil-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi essenzjali kollha tagħhom.

(129) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati fir-rigward tal-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja. Għaldaqstant l-importazzjonijiet minn dawn it-tliet pajjiżi ġew eżaminati b'mod kumulattiv.

(a) *Il-volum*

(130) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja lejn l-Unjoni naqas b'60 % minn madwar 7 000 tunnellata fl-2010 għal madwar 2 900 tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Naqas b'31 % fl-2011, qabel ma naqas bi 62 punti perċentwali fl-2012 u bi 28 punti perċentwali oħra fil-perjodu tal-investigazzoni ta' rieżami.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Bjelorussja | 25 | 55 | 0,1 | — |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *222* | *0* | *0* |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Bjelorussja | 0 % | 0 % | 0 % | 0 % |
| Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-Bjelorussja (EUR/tunnellata) | 677 | 1 246 | 600 | — |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *184* | *89* | — |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ | 712 | 375 | 458 | 118 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *53* | *64* | *17* |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ | 0,1 % | 0,1 % | 0,1 % | 0,0 % |
| Il-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (EUR/tunnellata) | 636 | 1 052 | 1 347 | 2 102 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *165* | *212* | *330* |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja | 6 396 | 8 937 | 4 440 | 2 790 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *140* | *69* | *44* |
| Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mir-Russja | 1,1 % | 1,7 % | 1,0 % | 0,7 % |
| Il-prezz tal-importazzjonijiet mir-Russja (EUR/tunnellata) | 470 | 506 | 513 | 462 |

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *108* | *109* | *98* |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati | 7 133 | 9 367 | 4 898 | 2 908 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *131* | *69* | *41* |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati | 1,3 % | 1,8 % | 1,1 % | 0,7 % |
| Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati (EUR/tunnellata) | 488 | 532 | 591 | 528 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *109* | *121* | *111* |

*Sors:* Comext

(b) *Is-sehem mis-suq*

(131) Is-sehem mis-suq korrispondenti miżmum mill-esportaturi mill-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja fis-suq tal-Unjoni naqas minn 1,3 % fl-2010 għal 0,7 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Fid-dettall, is-sehem mis-suq żdied minn 1,3 % fl-2010 għal 1,8 % fl-2011 qabel ma naqas għal 1,1 % fl-2012 u kompla jonqos għal 0,7 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(c) *Il-prezzijiet*

(i) L-evoluzzjoni tal-prezzijiet

(132) Bejn l-2010 u l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-prezz medju tal-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina fil-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja żdied bi 11 %, minn EUR 488/tunnellata fl-2010 għal EUR 528/tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'mod speċifiku, il-prezzijiet żdiedu b'9 % fl-2011 u bi 12 % fl-2012, qabel ma naqsu b'10 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(ii) It-twaqqigħ tal-prezz

(133) Il-ftit bejgħ tal-prodott konċernat mir-RPĊ u mir-Russja lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami ma jistax jintuża bħala bażi biex fuqu ssir konklużjoni siewja. Għalhekk sar tqabbil bejn il-prezzijiet tal-prodott simili ffabbrikat u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni u dawk tal-prodott taħt l-investigazzjoni prodott fil-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja u mibjugħ lill-bqija tad-dinja. Dan it-tqabbil wera twaqqigħ tal-prezz sinifikanti.

3. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn**

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja | 25 720 | 48 704 | 58 619 | 53 007 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja | 4,6 % | 9,2 % | 12,7 % | 13,1 % |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mit-Turkija | 83 654 | 83 753 | 98 742 | 69 757 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Turkija | 14,9 % | 15,9 % | 21,4 % | 17,2 % |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Ukraina | 956 | 573 | 944 | 1 147 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Ukraina | 0,2 % | 0,1 % | 0,2 % | 0,3 % |

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra | 34 948 | 42 714 | 38 518 | 30 374 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra | 6,2 % | 8,1 % | 8,4 % | 7,5 % |

(134) L-importazzjonijiet mit-Turkija u l-Indja żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Ukraina baqgħu f'livell baxx ħafna. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra baqgħu relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat.

(135) Wara d-divulgazzjoni, il-partijiet interessati argumentaw li t-telf ta' 12 % fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ġie kważi kompletament assorbit miż-żieda fis-sehem mis-suq tal-Indja u t-Turkija meħudin flimkien u li l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Indja u t-Turkija se jkunu probabbliment ir-raġunijiet prinċipali għas-sitwazzjoni dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi innutat li l-għan ta' din l-investigazzjoni kien li teżamina jekk fil-każ li jitneħħew il-miżuri fis-seħħ kontra t-tliet pajjiżi li għalihom ġiet stabbilita probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping x'aktarx li jwassal għal rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni. Matul l-investigazzjoni, ġie kkonfermat li kien hemm twaqqigħ tal-prezz sinifikanti rigward il-bejgħ ta' prodotti mill-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja lejn il-bqija tad-dinja. Għalhekk, fil-każ li jitħassru l-miżuri, l-esportazzjoni oġġett ta' dumping minn dawn il-pajjiżi lejn l-UE x'aktarx li terġa' sseħħ, b'żieda probabbli ta' ħsara tal-industrija tal-UE bħala konsegwenza. Il-fatt li l-importazzjonijiet mit-Turkija u l-Indja setgħu żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat ma jaffettwax din il-valutazzjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping u ta' ħsara.

4. **Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(136) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċi rilevanti kollha li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

4.1. *L-elementi makroekonomiċi*

(a) *Il-produzzjoni*

(137) Minn livell ta' madwar 437 000 tunellata fl-2010, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset b'37 % matul il-perjodu kkunsidrat. Speċifikament, naqset b'14 % fl-2011, b'19-il punt perċentwali fl-2012 u kompliet tonqos b'erba' punti perċentwali fil-perjodu tal-investigazzoni ta' rieżami. It-tnaqqis fil-produzzjoni kien marbut ma' tnaqqis fil-konsum, iżda kien akbar minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Indja u t-Turkija.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-produzzjoni (tunnellati) | 437 492 | 376 106 | 294 260 | 277 483 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *86* | *67* | *63* |

(b) *Il-kapaċità u r-rati tal-użu tal-kapaċità*

(138) Il-kapaċità tal-produzzjoni kienet iktar minn 1 700 000 tunnellata fl-2010 u naqset b'16 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis kien dovut għall-fatt li xi produtturi tal-UE naqqsu l-għadd ta' xiftijiet ta' produzzjoni ta' kuljum.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 1 761 677 | 1 621 386 | 1 318 459 | 1 485 339 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *92* | *75* | *84* |
| L-utilizzazzjoni tal-kapaċità | 25 % | 23 % | 22 % | 19 % |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *93* | *90* | *75* |

*Sors:* Investigazzjoni

(139) L-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet 25 % fl-2010. Naqset għal 23 % fl-2011, għal 22 % fl-2012 u kompla jonqos għal 19 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Ir-rati baxxi tal-użu tal-kapaċità jiġu spjegati prinċipalment mill-fatt li l-prodotti li ma jaqgħux fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni (primarjament profili vojta) jistgħu jiġu prodotti fuq l-istess makkinarju ta' produzzjoni użat għall-pajpijiet u t-tubi wweldjati. Għalhekk, ir-rati tal-użu tal-kapaċità mhumiex neċessarjament indikatur sinifikanti għal din l-industrija partikolari.

(c) *Il-volum tal-bejgħ*

(140) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-produzzjoni tagħha stess lil konsumaturi mhux relatati fl-UE naqas b'16 % fl-2011, b'21 punt perċentwali fl-2012 u kompla jonqos għal tliet punti perċentwali oħra matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'kollox, bejn l-2010 u l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, dan il-bejgħ naqas b'madwar 40 %. Dan kien minħabba t-tnaqqis fil-konsum u ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Indja u t-Turkija.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-bejgħ tal-UE lil konsumaturi mhux relatati (tunnellati) | 409 544 | 343 080 | 259 127 | 247 201 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *84* | *63* | *60* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(d) *Is-sehem mis-suq*

(141) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien 73 % fl-2010. Naqas għal 65 % fl-2011 u kompla jonqos għal 56 % fl-2012, qabel ma żdied għal 61 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'kollox, is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat naqas bi 12-il punt perċentwali.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni | 73 % | 65 % | 56 % | 61 % |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *89* | *77* | *84* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(e) *It-tkabbir*

(142) Bejn l-2010 u l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, meta l-konsum tal-Unjoni naqas bi 28 %, il-volum tal-bejgħ lil konsumaturi mhux relatati fl-UE naqas b'40 %. Dan wassal għal 12-il punt perċentwali tat-telf mis-sehem mis-suq għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, ma kienx hemm tkabbir għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(f) *L-impjiegi*

(143) In-numru tal-impjegati fl-industrija tal-UE naqas bi 13 % fl-2011, b'27 punt perċentwali fl-2012 u kompla jonqos għal tliet punti perċentwali oħra matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'kollox, l-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 43 % tul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri minn madwar 1 600 persuna għal madwar 1 000 persuna.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-impjiegi (persuni) | 1 655 | 1 446 | 991 | 939 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *87* | *60* | *57* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(g) *Il-produttività*

(144) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni (f'tunnellati) għal kull persuna impjegata għal kull sena, li tibda minn livell ta' 264 tunnellata għal kull impjegat, l-ewwel naqset bi ftit bi 2 % fl-2011. Imbagħad żdiedet b'14-il punt perċentwali fl-2012 u baqgħet stabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'kollox, il-produttività tal-industrija tal-Unjoni żdiedet bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-produttività (tunnellata għal kull impjegat) | 264 | 260 | 297 | 296 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *98* | *112* | *112* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(h) *Il-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet tal-bejgħ*

(145) Il-prezzijiet tal-unità tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati żdiedu b'5 % fl-2011 u b'punt perċentwali fl-2012 qabel ma naqsu b'erba' punti perċentwali oħra fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'kollox, dawn il-prezzijiet żdiedu bi 2 % tul il-perjodu kkunsidrat minn livell ta' EUR 833/tunnellata għal EUR 848/tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz ta' unità fis-suq tal-UE (EUR/tunnellata) | 833 | 871 | 881 | 848 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *105* | *106* | *102* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(i) *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

(146) L-investigazzjoni stabbilixxiet probabilità ta' rikorrenza ta' dumping f'marġini sinifikanti li d-daqs tagħha ma jistax jiġi kkunsidrat bħala negliġibbli għall-Bjelorussja, ir-RPĊ u r-Russja.

(147) Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni ma sabitx probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' rikorrenza ta' dumping għall-Ukraina.

(j) *L-irkupru minn dumping tal-passat*

(148) Il-makroindikaturi eżaminati hawn fuq juru li, minkejja li l-miżuri antidumping kisbu parzjalment ir-riżultat mistenni minnhom jiġifieri li jneħħu l-ħsara mġarrba mill-produtturi tal-Unjoni, l-industrija xorta waħda għadha f'sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli. Fil-fatt, matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-produzzjoni naqas b'37 %, il-volum tal-bejgħ lil konsumaturi mhux relatati fl-UE naqas b'40 % u l-impjiegi naqsu bi 43 %. Barra minn hekk, is-sehem tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-UE naqas minn 73 % fl-2010 għal 61 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Għalhekk, ma setax jiġi stabbilit ebda rkupru attwali mid-dumping tal-passat u huwa meqjus li l-industrija tal-Unjoni tibqa' vulnerabbli ħafna għall-effetti ta' ħsara ta' kull importazzjoni oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.

4.2. *L-elementi mikroekonomiċi*

(a) *il-ħażna tal-istokkijiet*

(149) Il-livell tal-ħażna tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kien kważi stabbli sal-2011. Żdied b'14-il punt perċentwali fl-2012 qabel ma naqas b'10 punti perċentwali matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-livell tal-istokkijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien 5 % ogħla minn dak ta' matul l-2010.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-ħażna tal-istokkijiet (tunnellati) | 13 892 | 14 039 | 16 012 | 14 556 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *101* | *115* | *105* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(b) *Il-pagi*

(150) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-ispejjeż tax-xogħol naqsu b'29 %. Naqsu speċifikament bi 2 % fl-2011, b'19-il punt perċentwali fl-2012 u komplew jonqsu għal 12-il punt perċentwali fil-perjodu tal-investigazzoni ta' rieżami. It-tnaqqis globali matul il-perjodu kkunsidrat jinħoloq mit-tnaqqis fl-impjiegi.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-ispiża tax-xogħol annwali (EUR) | 20 602 275 | 20 266 132 | 17 140 089 | 14 578 317 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *98* | *83* | *71* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(151) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-ispejjeż tax-xogħol għal kull impjegat żdiedu b'25 %. Din hija x'aktarx sitwazzjoni temporanja marbuta mal-ispejjeż tas-sensji kkawżati mit-tnaqqis sinifikanti tal-impjegati.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-ispiża annwali tax-xogħol għal kull impje-gat (EUR) | 12 449 | 14 015 | 17 296 | 15 525 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *113* | *139* | *125* |

(c) *Il-profittabilità u r-redditu fuq l-investimenti*

(152) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbilità tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-UE, espressa bħala perċentwali tal-bejgħ nett, tjiebet minn telf ta' iktar minn 7 % fl-2010 għal profitt ta' kważi 1 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. B'mod aktar speċifiku, it-telf tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqas minn 7,3 % fl-2010 għal 5 % fl-2011 u għal 0,6 % fl-2012, qabel ma sar ftit profittabbli f'livell ta' 0,8 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabilità tal-UE (% ta' bejgħ nett) | − 7,3 % | − 5,0 % | − 0,6 % | 0,8 % |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *− 100* | *− 69* | *− 8* | *12* |
| ROI (Redditu fuq l-Investiment) (profitt f'% tal-valur kontabilistiku nett tal-investiment) | − 19,2 % | − 11,8 % | 0,5 % | 4,3 % |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *− 100* | *− 62* | *3* | *22* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(153) Iż-żieda fil-profittabilità hija spjegata mill-fatt li l-prezzijiet tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat żdiedu bi 2 % filwaqt li l-ispejjeż tal-produzzjoni (fil-biċċa l-kbira kolji llaminati bis-sħana li jammontaw għal aktar minn 60 % tal-ispiża tal-produzzjoni) naqsu b'6 % matul l-istess perjodu, flimkien mat-tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż annwali tax-xogħol. Għalhekk, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu f'pożizzjoni li progressivament japplikaw prezzijiet profittabbli lill-konsumaturi tagħhom fis-suq tal-UE.

(154) Ir-redittu fuq l-investimenti ("ROI"), espress bħala l-profitt bħala perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti, segwa b'mod wiesa' t-tendenza tal-profittabilità. Dan mar għall-aħjar minn telf ta' 19,2 % fl-2010 għal telf ta' 11,8 % fl-2011 u mbagħad għal profitt ta' 0,5 % fl-2012 u profitt ta' 4,3 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(d) *Il-fluss ta' flus u l-ħila li jinġabar il-kapital*

(155) Il-fluss nett tal-flus minn attivitajiet operatorji kien madwar – EUR 44 miljun fl-2010. Żdied għal madwar – EUR 7 miljun fl-2011, għal kważi EUR 17 miljun fl-2012 u għal madwar EUR 20 miljun matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma indika li sab xi diffikultajiet biex jiġbor il-kapital. It-titjib jista' jkun ir-riżultat tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-ispejjeż tax-xogħol u ż-żieda baxxa fil-prezzijiet.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-fluss tal-flus (il-marka tal-produttur u dik tal-bejjiegħ bl-imnut) (EUR) | − 44 322 891 | − 7 033 547 | 16 927 597 | 20 202 074 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *− 100* | *− 16* | *38* | *46* |

*Sors:* L-investigazzjoni

(e) *L-investimenti*

(156) L-investimenti annwali tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fil-produzzjoni tal-prodott simili naqsu b'34 % fl-2011, żdiedu b'90 punt perċentwali fl-2012 u finalment naqsu b'59 punti perċentwali fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-investiment, li kien maħsub għall-manutenzjoni u t-tiġdid tat-tagħmir eżistenti u mhux għal raġunijet ta' żieda tal-kapaċità, naqas bi 3 %.

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-investimenti netti (EUR) | 1 149 094 | 757 750 | 1 789 210 | 1 111 661 |
| *Indiċi (2010 = 100)* | *100* | *66* | *156* | *97* |

*Sors:* L-investigazzjoni

5. **Il-konklużjoni dwar id-dannu**

(157) Għadd ta' indikaturi, b'mod partikolari l-indikaturi finanzjarji, tjiebu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Il-profittabilità tjiebet minn telf ta' iktar minn 7 % għal profitt ta' 0,8 % li għadu madankollu taħt il-profitt fil-mira ta' 5 % mill-investigazzjoni preċedenti. Ir-redditu fuq l-investiment mar għall-aħjar minn telf ta' iktar minn 19 % għal profitt ta' aktar minn 4 % u l-livell ta' fluss ta' flus żdied minn – EUR 44 miljun sa EUR 20 miljun. Dawn il-fatturi jissuġġerixxu li l-industrija kienet kapaċi tirkupra parzjalment.

(158) Min-naħa l-oħra, uħud mill-indikaturi esperjenzaw żvilupp negattiv bejn l-2010 u l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-volum tal-produzzjoni naqas b'37 %, l-użu tal-kapaċità naqas b'25 %, il-volum tal-bejgħ lil konsumaturi mhux relatati fl-UE naqas b'40 %, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12-il punt perċentwali u l-impjiegi naqsu bi 43 %.

(159) Il-miżuri antidumping laħqu parzjalment l-objettiv tagħhom billi neħħew ftit mill-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni bħala konsegwenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. L-industrija tal-Unjoni reġgħet saret ftit profitabbli, iżda għad-detriment tas-sehem mis-suq tagħha fis-suq tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha billi ffavorixxiet il-prezzijiet minflok il-volumi. Għaldaqstant huwa ċar li l-industrija tal-Unjoni għadha ma rkupratx b'mod sħiħ mill-effetti ta' dumping tal-passat, u għadha f'sitwazzjoni fraġli, u għalhekk vulnerabbli ħafna għal kull rikorrenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(160) Anki jekk is-sitwazzjoni fraġli tal-industrija tal-Unjoni ġiet ikkwalifikata bħala ħsara materjali, dan ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. It-tliet pajjiżi kkonċernati (għall-Ukraina, l-investigazzjoni stabbilixxiet li ma hemmx probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' rikorrenza ta' dumping) jirrappreżentaw sehem mis-suq kumulattiv ta' inqas minn 1 % fis-suq tal-UE. Fin-nuqqas ta' kull pressjoni tal-prezzijiet mill-pajjiżi kkonċernati, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm il-prezzijiet f'livell li huwa suffiċjenti biex isir profitt, għalkemm ferm taħt il-profitt fil-mira.

F. **IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA**

1. **L-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-Bjelorussja u r-Russja**

(161) Abbażi tax-xejriet ta' hawn fuq jidher li l-miżuri tal-antidumping kisbu r-riżultat mistenni minnhom b'mod parzjali jiġifieri li jneħħu l-ħsara mġarrba mill-produtturi tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, kif muri mill-iżvilupp negattiv ta' għadd ta' indikaturi ta' ħsara, l-industrija xorta għadha f'sitwazzjoni fraġli ħafna.

(162) Kif imsemmi hawn fuq, l-esportaturi f'kull wieħed mit-tliet pajjiżi kkonċernati għandhom il-kapaċità żejda biex iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom b'pass mgħaġġel ħafna. Minħabba li l-prezzijiet fis-suq tal-UE jġibu aktar qligħ meta mqabbla ma' xi swieq ta' pajjiżi terzi, huwa probabbli li l-kwantitajiet sinifikanti attwalment esportati lejn dawn il-pajjiżi se jiġu diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-UE f'każ li l-miżuri antidumping jithallew jiskadu. Din iż-żieda ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li żżid il-pressjoni fuq is-suq tal-Unjoni, u b'hekk is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li hija diġà fraġli tmur għall-agħar. Dan it-tip ta' żvilupp għal għarrieda kien diġà ġie osservat fl-investigazzjoni preċedenti, meta s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-UE mit-tliet pajjiżi ttrippla fi tliet snin u nofs biss, jiġifieri minn 6,2 % fl-2004 għal 18,7 % fil-PI (mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2007). Għaldaqstant il-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-Bjelorussja u r-Russja diġà wrew il-kapaċità tagħhom li jżidu malajr il-volumi tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(163) Għalhekk, abbażi ta' dan ta' hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara f'każ li l-miżuri jitħassru.

2. **L-importazzjonijiet mill-Ukraina**

(164) Filwaqt li tiġi kkunsidrata l-konklużjoni ta' nuqqas ta' kontinwazzjoni ta' probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping mill-Ukraina, ma hija meħtieġa l-ebda analiżi ulterjuri f'dan il-każ dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara.

G. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(165) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod globali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi involuti varji kollha. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li juru l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(166) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni għadha fraġli ħafna. Il-miżuri antidumping laħqu parzjalment l-objettiv tagħhom billi neħħew ftit mill-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni bħala konsegwenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. L-industrija tal-Unjoni reġgħet saret ftit profitabbli, iżda għad-detriment tas-sehem mis-suq tagħha fis-suq tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha billi ffavorixxiet il-prezzijiet minflok il-volumi minħabba l-miżuri fis-seħħ. It-tmiem tal-miżuri se jżid il-pressjoni tal-prezzijiet fuq is-suq tal-Unjoni u dan jerġa' jwassal għal telf. Għalhekk, huwa fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li l-miżuri jitħallew.

2. **L-interess tal-importaturi u l-utenti**

(167) Il-Kummissjoni kkuntattjat aktar minn 100 importatur u utent mhux relatati fl-Unjoni sabiex tfittex kooperazzjoni li l-ebda minnhom ma rrispondew għaliha. Dan jista' jiġi spjegat b'volumi żgħar ħafna ta' esportazzjoni ta' kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati lejn is-suq tal-Unjoni. F'kull każ, ma hemm l-ebda fattur li jissuġġerixxi li l-importaturi jew l-utenti jkunu affettwati b'mod sproporzjonat fil-każ li l-miżuri jiġu estiżi.

(168) Għaldaqstant fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq huwa kkunsidrat li s-sitwazzjoni tal-importaturi u l-utenti fl-Unjoni x'aktarx li mhijiex se tkun affettwata mill-estenzjoni tal-miżuri proposti.

3. **Ir-riskju ta' nuqqas ta' provvista/kompetizzjoni fis-suq tal-UE**

(169) Il-konsum tal-UE naqas bi 28 % matul il-perjodu kkunsidrat, u laħaq madwar 400 000 tunnellata matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni kompliet taqbeż id-domanda tal-UE matul il-perjodu kkunsidrat, u laħqet livell ta' madwar 1 500 000 tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Hemm biżżejjed kompetizzjoni bejn il-produtturi tal-UE. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni qed topera b'rata ta' utilizzazzjoni tal-kapaċita ta' 19 % biss matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, minħabba li tipproduċi prodotti differenti (il-prodott ikkonċernat u prodotti oħra bħal profili vojta minn ġewwa) bl-istess tagħmir ta' produzzjoni. Għaldaqstant, fil-każ ta' domanda akbar, l-industrija tal-Unjoni għandha l-kapaċità żejda biex tkompli żżid il-produzzjoni tagħha billi tinbidel it-taħlita tal-produzzjoni tagħha. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra li mhumiex soġġetti għall-miżuri, b'mod partikolari l-Indja u t-Turkija jistgħu wkoll jissodisfaw parti mid-domanda.

(170) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ma jistax jiġi konkluż li ż-żamma tal-miżuri antidumping x'aktarx tirriżulta f'nuqqas ta' provvista fis-suq tal-UE jew f'restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-UE.

### 4. Il-konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

(171) Dan ta' hawn fuq jindika li l-effetti negattivi ta' kontinwazzjoni tal-miżuri jkunu limitati u fl-ebda każ sproporzjonati meta mqabbla mal-benefiċċji tal-estensjoni tal-miżuri għall-industrija tal-Unjoni.

## H. IL-MIŻURI ANTIDUMPING

(172) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara dik id-divulgazzjoni. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien xieraq.

(173) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li, kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw mill-Bjelorussja, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u r-Russja għandhom jinżammu. Jitfakkar li dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazju *ad valorem* b'rati differenti.

(174) Fir-rigward tal-Ukraina, abbażi tar-riżultati ta' nuqqas ta' kontinwazzjoni ta' probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping (ara l-premessi (17) u (118) hawn fuq), il-miżuri għandhom jitħassru u l-proċediment jintemm.

(175) Ir-rati tad-dazju antidumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn dawn il-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kull kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(176) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni [1]. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika minn rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpannija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, notifika li tinforma dwar il-bidla fl-isem tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(177) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan qed jiġi impost dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet iwweldjati, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, b'qatgħa trasversali perpendikolari ċirkolari u b'dijametru estern li ma jaqbiżx il-168,3 mm, esklużi l-pajpijiet tal-linja tat-tip użati fil-pipelines taż-żejt jew tal-gass, kejsing u tubi tat-tip użati fit-tħaffir għaż-żejt jew il-gass, tubi ta' preċiżjoni u tubi u pajpijiet b'fittings imqabbda adattati biex jgħaddu minnhom gassijiet jew likwidi għall-użu fl-inġenji tal-ajru ċivili, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7306 30 41, ex 7306 30 49, ex 7306 30 72 u ex 7306 30 77 (kodiċi TARIC 7306 30 41 20, 7306 30 49 20, 7306 30 72 80 u 7306 30 77 80) u li joriġinaw mill-Bjelorussja, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mir-Russja.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji ta' hawn taħt tkun kif ġej:

[1] European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

| Il-pajjiż | Il-Kumpanija | Dazju antidumping | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina | Il-kumpaniji kollha | 90,6 % | — |
| Ir-Russja | TMK Group (Seversky Pipe Plant Open Joint Stock Company u Joint Stock Company Taganrog Metallurgical Works) | 16,8 % | A892 |
| | OMK Group (Open Joint Stock Company vyksa Steel Works u Joint Stock Company almetjvesk Pipe Plant) | 10,1 % | A893 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 20,5 % | A999 |
| IL-BJELORUSSJA | Il-kumpaniji kollha | 38,1 % | — |

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Il-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw fl-Ukraina huwa b'dan terminat.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/111

## tas-26 ta' Jannar 2015

## li jistabbilixxi miżuri sabiex tittaffa t-theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tal-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fil-Baħar Ċeltiku, il-Kanal Ingliż, il-Baħar Irlandiż u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi li jistgħu jittieħdu miżuri ta' emerġenza għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati ma' theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Fuq talba motivata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista', sabiex ittaffi din it-theddida, tadotta miżuri ta' emerġenza ta' dan it-tip fl-għamla ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament li japplikaw għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

(2) Skont il-parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) kif ukoll mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), l-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fil-Baħar Ċeltiku, il-Kanal Ingliż, il-Baħar Irlandiż u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana *(Diviżjonijiet tal-ICES IVb,c and VIIa, d-h)* għaddej minn tnaqqis rapidu fil-bijomassa minħabba taħlita ta' tnaqqis fir-reklutaġġ u żieda fil-mortalità tal-ħut. Il-bijomassa tal-istokk riproduttiv miexja lejn l-iktar livell baxx li qatt ġie osservat. Il-mortalità attwali mis-sajd hija kważi erba' darbiet ogħla minn dik li jiflaħ l-istokk. Għalhekk, l-ICES huwa tal-parir li jiġu implimentati miżuri biex titnaqqas sostanzjalment il-mortalità mis-sajd fil-firxa kollha tal-istokk.

(3) Bl-ittra tad-19 ta' Diċembru 2014, ir-Renju Unit talab li l-Kummissjoni tieħu azzjoni skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, bil-għan li ż-żona tal-ICES VIIe ma tibqax miftuħa għas-sajd pelaġiku tal-ispnott minn Jannar sa April 2015 sabiex titnaqqas il-pressjoni tas-sajd billi jiġu mħarsa l-ġlejjeb riproduttivi tal-ispnott. Din it-talba ġiet ikkomunikata lill-Belġju, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands kif ukoll lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral u l-ilmijiet tal-Majjistral u lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana. Il-Belġju, Franza u n-Netherlands bagħtu l-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni.

(4) Il-kummenti li saru minn Franza jirrigwardaw l-applikabbiltà tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għat-theddid ikkawżat minn attivitajiet ta' sajd u l-proċedura, għall-prova ta' theddida serja, u għar-riskju ta' diskriminazzjoni bejn tipi differenti ta' sajd. Il-Belġju wieġeb b'mod pożittiv għar-rikjesta tar-Renju Unit. In-Netherlands issuġġerew l-estensjoni tal-azzjonijiet biex ikopru żona aktar wiesgħa u tipi oħra ta' sajd. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-proċedura tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ta' min wieħed jinnota li din id-dispożizzjoni ma hija limitata għall-ebda kawża partikolari u għalhekk tista' tiġi applikata għal kwalunkwe theddida, kemm jekk tkun ikkawżata minn attivitajiet ta' sajd u kemm jekk minn kawżi oħra, u l-limiti ta' żmien previsti minn dak l-Artikolu huma ġġustifikati mill-urġenza tal-bżonn li tiġi indirizzata t-theddida serja. Il-prova ta' theddida serja għall-ispnott fil-każ inkwistjoni hija bbażata fuq evidenza xjentifika, kif stipulat hawn taħt.

(5) L-ispnott jaggrega f'konċentrazzjonijiet f'żoni partikolari minn Diċembru sa April biex jirriproduċi. L-istokk tal-ispnott jiddependi minn din il-fażi tar-riproduzzjoni. F'dan il-perjodu jsir sajd immirat għal dawn il-ġlejbiet u dan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mortalità mis-sajd tal-istokk u speċjalment għat-tnaqqis fl-għadd ta' ħut matur li jista' jirriproduċi b'suċċess. L-istatistika tal-qbid tikkonferma li din il-prattika tas-sajd tneħħi prinċipalment ħut matur u għalhekk dan ma jkunx jista' jikkontribwixxi aktar għar-riproduzzjoni ta' dan l-istokk.

(6) Skont il-valutazzjoni xjentifika mill-ICES u l-STECF, is-sajd kummerċjali bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiċi huwa responsabbli għal aktar minn 25 % tal-mortalità mis-sajd.

(7) Is-sejba ta' theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar torbot fuq ir-riskju ta' ħsara serja lill-kapaċità riproduttiva tal-istokk, minħabba d-deterjorazzjoni kbira tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv, flimkien mal-istennija li s-sajd kontinwu mmirat jista' jikkawża ħsara mhux sostenibbli lill-istokk riproduttiv.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati billi (1) l-istaġun riproduttiv beda u (2) is-sajd għal dawn l-istokkijiet riproduttivi beda wkoll. L-evidenza xjentifika tappoġġa azzjoni immedjata kif meħtieġ matul l-istaġun riproduttiv attwali tal-ispnott billi tieħu miżuri li japplikaw immedjatament u li se jibqgħu fis-seħħ sat-30 ta' April 2015.

(8) Huwa għalhekk urġenti li jittieħdu miżuri biex jiġi pprojbit is-sajd immirat għall-ispnott permezz tat-tkarkir pelaġiku matul l-istaġun riproduttiv sensittiv ħafna bejn Jannar u t-30 ta' April 2015. Jekk ikun hemm aktar dewmien qabel jitħares l-istokk, l-effettivittà tal-miżuri ta' emerġenza tonqos b'mod konsiderevoli jew tiġi eliminata. Sabiex tissaħħaħ l-effettività ta' dawn il-miżuri, l-operaturi għandhom ukoll jiġu ordnati biex ma jaċċettawx trażbord u ħatt l-art tal-ispnott maqbud matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) Biex dawn il-ġlejjeb jitħarsu b'mod effettiv, u billi l-post fejn ikunu jvarja ferm, il-miżuri ta' emerġenza għandhom ikopru ż-żona ta' distribuzzjoni sħiħa tal-istokk, jiġifieri l-Baħar Ċeltiku, il-Kanal Ingliż, il-Baħar Irlandiż u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (iż-żoni tal-ICES IVb, c u VIIa, d-h) u jinkludu s-sajd bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi. Barra minn hekk, iż-żoni tal-ICES VIIj, k huma inklużi biex jiġi evitat l-ispustament fl-attività tas-sajd billi d-distribuzzjoni tal-istokk mhijiex determinata b'mod sħiħ.

(10) Il-miżuri alternattivi ssuġġeriti minn Franza ma jkollhomx l-istess riżultat bħall-miżura f'dan ir-Regolament, minħabba li l-effikaċja tagħhom hija inċerta. Barra minn hekk, sabiex tingħata aktar protezzjoni lill-istokk tal-ispnott, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali fir-rigward tal-impatt ta' tip ta' sajd ieħor fi stadju aktar tard.

(11) Franza pprovdiet informazzjoni li turi li bastimenti li jużaw irkaptu pelaġiku bid-daqsijiet tal-malji ta' bejn 32 u 69 mm ma jaqbdux l-ispnott u li kwalunkwe qbid inċidentali minn dawn il-bastimenti jkollu impatt minimu fuq l-istokk.

(12) Is-sitwazzjoni tal-istokk tal-ispnott fiż-żoni koperti tissodisfa l-kriterji kollha tar-raġunijiet imperattivi debitament ġustifikati ta' urġenza relatati ma' theddida serja għall-konservazzjoni ta' dan l-istokk u, għalhekk, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fuq inizjattiva tagħha stess u lil hinn mit-talba tar-Renju Unit.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament se jiġu mgħoddija lill-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura għall-opinjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza għall-istokk tal-ispnott fiż-żoni tal-ICES IVb, c, VIIa, d-k biex itaffu l-ħsara imminenti u serja lil dak l-istokk.

*Artikolu 2*

**Miżuri**

Matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fiż-żoni tal-ICES IVb, c, VIIa, d-k bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi (imsemmija bħala OTM — għeżula tat-tkarkir pelaġiku, PTM — xbieki tat-tkarkir pelaġiku bil-paranzi) bid-daqs tal-malji tal-manka ta' 70 mm jew akbar.

Għal bastimenti li jużaw dawk l-irkapti, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art l-ispnott maqbud fil-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-istess żona.

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-qabdiet tal-ispnott bl-irkapti pelaġiċi (OTM jew PTM) lill-Kummissjoni 14-il jum wara t-tmiem ta' kull xahar.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika sat-30 ta' April 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/112

## tas-26 ta' Jannar 2015

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | EG | 340,0 |
| | IL | 160,5 |
| | MA | 109,9 |
| | TR | 147,7 |
| | ZZ | 189,5 |
| 0707 00 05 | JO | 229,9 |
| | TR | 174,5 |
| | ZZ | 202,2 |
| 0709 93 10 | MA | 227,9 |
| | TR | 214,8 |
| | ZZ | 221,4 |
| 0805 10 20 | EG | 47,8 |
| | MA | 62,4 |
| | TN | 53,6 |
| | TR | 66,4 |
| | ZZ | 57,6 |
| 0805 20 10 | IL | 102,5 |
| | MA | 90,9 |
| | ZZ | 96,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | EG | 87,6 |
| | IL | 110,1 |
| | JM | 118,0 |
| | MA | 140,2 |
| | TR | 118,6 |
| | ZZ | 114,9 |
| 0805 50 10 | TR | 63,9 |
| | ZZ | 63,9 |
| 0808 10 80 | BR | 65,4 |
| | CL | 89,3 |
| | MK | 26,7 |
| | US | 184,8 |
| | ZZ | 91,6 |
| 0808 30 90 | CL | 265,9 |
| | US | 138,7 |
| | ZZ | 202,3 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/113**

**tas-26 ta' Jannar 2015**

**li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 539/2007 fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2014 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2015 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jixraq li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 539/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-sub-perjodu mll-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015<br>(f'piż ekwivalenti għall-bajd bil-qoxra f'kg) |
|---|---|
| 09.4015 | 108 000 000 |
| 09.4401 | 3 632 368 |
| 09.4402 | 9 854 500 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/114

## tas-26 ta' Jannar 2015

## li jiffissal-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 536/2007 għal-laħam tat-tjur li ġej mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 ([2]) fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerika.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2014 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2015 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 536/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur allokata għall-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-sub-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4169 | 16 008 750 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/115

## tas-26 ta' Jannar 2015

## li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 ([2]) fetaħ il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2014 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2015 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, biex dawn jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1384/2007, li għandhom jiżdiedu għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas- 26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-sub-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2015 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4091 | 140 000 |
| 09.4092 | 830 000 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/116

**tas-26 ta' Jannar 2015**

**li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 300(3) u 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/930/UE tas-16 ta' Diċembru 2014 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti li saru minn kull Stat Membru,

Billi:

(1) L-Artikolu 300(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jeħtieġ li membri jew membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, minbarra li jkunu rappreżentanti ta' korpi reġjonali jew lokali, jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) L-Artikolu 305 tat-TFUE jipprevedi li jinħatru membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u numru ugwali ta' membri supplenti li jinħatru mill-Kunsill għal ħames snin skont il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.

(3) Ladarba l-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ser jiskadi fil-25 ta' Jannar 2015, għandhom jinħatru membri u membri supplenti ġodda.

(4) Dik il-ħatra ser tiġi segwita f'data aktar tard bil-ħatra ta' membri u membri supplenti oħrajn li n-nomini tagħhom ma jkunux ġew komunikati lill-Kunsill qabel it-22 ta' Jannar 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020:

— bħala membri, il-persuni elenkati minn kull Stat Membru fl-Anness I;

— bħala membri supplenti, il-persuni elenkati minn kull Stat Membru fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

([1]) ĠU L 365, 19.12.2014, p. 143.

*ANNESS I*

**ПРИЛОЖЕНИЕ I — ANEXO I — PŘÍLOHA I — BILAG I — ANHANG I — I LISA**
**ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I — ANNEX I — ANNEXE I — PRILOG I — ALLEGATO I — I PIELIKUMS**
**I PRIEDAS — I. MELLÉKLET — ANNESS I — BIJLAGE I — ZAŁĄCZNIK I**
**ANEXO I — ANEXA I — PRÍLOHA I — PRILOGA I — LIITE I — BILAGA I**

**Членове/Miembros/Členové/Medlemmer/Mitglieder/Liikmed**
**Μέλη/Members/Membres/Članovi/Membri/Locekļi**
**Nariai/Tagok/Membri/Leden/Członkowie**
**Membros/Membri/Členovia/Člani/Jäsenet/Ledamöter**

**BELGIË/BELGIQUE/BELGIEN**

Mr Jan DURNEZ
Vlaams Volksvertegenwoordiger

Mr Alain HUTCHINSON
Conseiller communal et échevin à Saint-Gilles

Mr Hicham IMANE
Député wallon

Mr Jean François ISTASSE
Conseiller communal

Mr Karl-Heinz LAMBERTZ
Mitglied des Parlamentes der Deutschsprachigen Gemeinschaft

Mr Michel LEBRUN
Conseiller communal à Viroinval

Mr Bartolomeus (Bart) SOMERS
Vlaams Volksvertegenwoordiger

Mr Luc VAN DEN BRANDE
Voorzitter Raad van Bestuur Vlaams — Europees Verbindingsagentschap (VLEVA)

Mr Karl VANLOUWE
Vlaams Volksvertegenwoordiger

Mr Karim VAN OVERMEIRE
Vlaams Volksvertegenwoordiger

Mr Jean-Luc VANRAES
Gemeenteraadslid in Ukkel en Voorzitter van het OCMW

Ms Olga ZRIHEN
Députée wallonne

**БЪЛГАРИЯ**

Mr Hasan AZIS

Mayor of Kardjali Municipality

Ms Tanya HRISTOVA

Mayor of Gabrovo Municipality

Mr Vladimir KISSIOV

Councillor, Municipality of Sofia

Mr Krassimir KOSTOV

Mayor of Shumen Municipality

Mr Madzhid MANDADZHA

Mayor of Stambolovo Municipality

Mr Krasimir MIREV

Mayor of Targovishte Municipality

Mr Vladimir MOSKOV

Mayor of Gotse Delchev Municipality

Ms Detelina NIKOLOVA

Mayor of Dobrich Municipality

Mr Beytula SALI

Mayor of Samuil Municipality

Mr Zhivko TODOROV

Mayor of Stara Zagora Municipality

Mr Lyudmil VESSELINOV

Mayor of Popovo Municipality

Mr Zlatko ZHIVKOV

Mayor of Montana Municipality

**ČESKÁ REPUBLIKA**

Mr Ondřej BENEŠÍK

councillor of Strání municipality

Ms Štěpánka FRAŇKOVÁ

councillor of the City of Pardubice

Mr Dan JIRÁNEK

councillor of the City of Kladno

Mr Stanislav JURÁNEK

councillor of Jihomoravský Region

Ms Adriana KRNÁČOVÁ

councillor of the City of Prague

Mr Roman LÍNEK

councillor of Pardubický Region

Mr Josef NOVOTNÝ

councillor of Karlovarský Region

Mr Petr OSVALD

councillor of the City of Plzeň

Mr Martin PŮTA

councillor of Liberecký Region

Ms Jana VAŇHOVÁ

councillor of Ústecký Region

Mr Oldřich VLASÁK

councillor of the City of Hradec Králové

Mr Jiří ZIMOLA

councillor of the South Bohemian Region

**DANMARK**

Mr Per BØDKER ANDERSEN

Councillor

Mr Erik FLYVHOLM

Mayor

Mr Jens Christian GJESING

Second Deputy Mayor

Mr Jens Bo IVE

Mayor

Mr Thomas KASTRUP-LARSEN

Mayor

Mr Jess LAURSEN

Regional Councillor

Mr Henrik Ringbæk MADSEN

Regional Councillor

Mr Karsten Uno PETERSEN

Regional Councillor

Mr Mark PERERA CHRISTENSEN

Second Deputy Mayor

**DEUTSCHLAND**

Frau Barbara DUDEN

Mitglied der Hamburgischen Bürgerschaft

Frau Hella DUNGER-LÖPER

Staatssekretärin, Bevollmächtigte des Landes Berlin beim Bund und Europabeauftragte

Herr Hans-Jörg DUPPRÉ

Landrat des Landkreises Südwestpfalz

Herr Peter FRIEDRICH

Minister für Bundesrat, Europa und internationale Angelegenheiten; Baden-Württemberg

Frau Ulrike HILLER

Mitglied des Senats, Bevollmächtigte der Freien Hansestadt Bremen beim Bund und für Europa

Frau Birgit HONÉ

Staatssekretärin für Europa und Regionale Landesentwicklung, Niedersächsische Staatskanzlei

Frau Jacqueline KRAEGE

Staatssekretärin, Bevollmächtigte des Landes Rheinland-Pfalz beim Bund und für Europa, für Medien und Digitales

Frau Uta-Maria KUDER

Mitglied der Landesregierung von Mecklenburg-Vorpommern, Justizministerin

Frau Helma KUHN-THEIS

Mitglied des Gemeinderates Weiskirchen

Herr Heinz LEHMANN

Mitglied des Sächsischen Landtags

Dr. Helmuth MARKOV

Mitglied der Landesregierung Brandenburg, Minister der Justiz und für Europa und Verbraucherschutz

Dr. Beate MERK

Staatsministerin für Europaangelegenheiten und regionale Beziehungen des Freistaates Bayern

Frau Dagmar MÜHLENFELD

Oberbürgermeisterin der Stadt Mülheim an der Ruhr

Herr Detlef MÜLLER

Mitglied des Landtages Mecklenburg-Vorpommern

Dr. Martina MÜNCH

Mitglied des Landtages Brandenburg

Frau Regina POERSCH

Mitglied des Landtages von Schleswig-Holstein

Herr Wolfgang SCHMIDT

Staatsrat der Senatskanzlei, Bevollmächtigter des Senats der Freien und Hansestadt Hamburg beim Bund, bei der Europäischen Union und für auswärtige Angelegenheiten

Dr. Michael SCHNEIDER

Staatssekretär, Bevollmächtigter das Landes Sachsen-Anhalt beim Bund

Herr Tilman TÖGEL

Mitglied des Landtages von Sachsen-Anhalt

Herr Markus TÖNS

Mitglied des Landtags Nordrhein-Westfalen

Herr Hans-Josef VOGEL

Bürgermeister der Stadt Arnsberg

Herr Mark WEINMEISTER

Staatssekretär für Europaangelegenheiten, Land Hessen

Dr. Babette WINTER

Staatssekretärin für Europa und Kultur in der Thüringer Staatskanzlei

**EESTI**

Ms Urve ERIKSON

Member of Tudulinna Rural Municipality Council

Mr Mihkel JUHKAMI

Mayor of Rakvere City

Mr Kurmet MÜÜRSEPP

Member of Antsla Rural Municipality Council

Mr Uno SILBERG

Member of Kose Rural Municipality Council

Mr Urmas SUKLES

Mayor of Haapsalu City

Mr Toomas VITSUT

Member of Tallinn City Council

**ΕΛΛΑΣ**

Mr Konstantinos AGORASTOS

Head of the Region of Thessaly

Mr Stavros ARNAOUTAKIS

Head of the Region of Crete

Mr Nikolaos CHIOTAKIS

Municipal Councillor of Kifissia

Mr Alexandros KAHRIMANIS

Head of the Region of Epirus

Mr Stavros KALAFATIS

Municipal Councillor of Thessaloniki

Mr Dimitrios KALOGEROPOULOS

Politically accountable to the Municipal Council of Maroussi

Mr Georgios KAMINIS

Mayor of Athens

Mr Apostolos KATSIFARAS

Head of the Region of Western Greece

Mr Ioannis KOURAKIS

Municipal Councillor of Heraklion

Mr Ioannis SGOUROS

Regional Councillor, Region of Attica

Mr Spyridon SPYRIDON

Municipal Councillor of Poros

Mr Apostolos TZITZIKOSTAS

Head of the Region of Central Macedonia

**ESPAÑA**

Dª Rita BARBERÁ NOLLA

Alcaldesa de Valencia

Dª Yolanda BARCINA ANGULO

Presidenta de Navarra

D. José Ramón BAUZÁ DÍAZ

Presidente del Gobierno de las Islas Baleares

D. Abel CABALLERO ÁLVAREZ

Alcalde de Vigo

Dª Mª Dolores de COSPEDAL GARCÍA

Presidenta de la Junta de Comunidades de Castilla-La Mancha

Dª Susana DÍAZ PACHECO

Presidenta de Andalucía

D. Alberto FABRA PART

Presidente de la Comunidad Valenciana

D. Javier FERNÁNDEZ FERNÁNDEZ

Presidente del Principado de Asturias

D. Alberto GARRE LÓPEZ

Presidente de Murcia

D. Ignacio GONZÁLEZ GONZÁLEZ

Presidente de Madrid

D. Francesc HOMS I MOLIST

Consejero de Presidencia

Dª Nuria MARÍN MARTÍNEZ

Alcaldesa de Hospitalet de Llobregat

Dª Cristina MAZAS PÉREZ-OLEAGA

Consejera de Economía, Hacienda y Empleo de Cantabria

D. José Antonio MONAGO TERRAZA

Presidente de la Junta de Extremadura

D. Alberto NÚÑEZ FEIJÓO

Presidente de la Xunta de Galicia

D. Paulino RIVERO BAUTE

Presidente del Gobierno de Canarias

Dª Luisa Fernanda RUDÍ ÚBEDA

Presidenta de Aragón

D. Pedro SANZ ALONSO

Presidente de La Rioja

D. Iñigo de la SERNA HERNÁIZ

Alcalde de Santander

D. Iñigo URKULLU RENTERÍA

Presidente del Gobierno Vasco

Sr. D. Juan VICENTE HERRERA

Presidente de la Junta de Castilla y León

**FRANCE**

M. Jean-François BARNIER

Maire du Chambon-Feugerolles

M. Laurent BEAUVAIS

Président du Conseil régional de Basse-Normandie

M. Jacques BLANC

Maire de La Canourgue

Mme Danièle BOEGLIN

Vice-Présidente du Conseil général de l'Aube

Mme Claudette BRUNET-LECHENAULT

Vice-présidente du Conseil général de Saône-et-Loire

M. François DECOSTER

Conseiller régional du Nord-Pas-de-Calais

M. Michel DELEBARRE

Conseiller municipal de Dunkerque

M. Jean-Louis DESTANS

Président du Conseil général de l'Eure

Mme Rose-Marie FALQUE

Maire d'Azerailles

M. Claude GEWERC

Président du Conseil régional de Picardie

M. Pierre HUGON

Vice-président du Conseil général de la Lozère

Mme Annabelle JAEGER

Conseillère régionale de Provence-Alpes-Côte d'Azur

Mme Anne-Marie KEISER

Vice-présidente du Conseil général de la Gironde

M. Pierre MAILLE

Président du Conseil général du Finistère

M. Pascal MANGIN

Conseiller régional d'Alsace

M. Charles MARZIANI

Vice-président du Conseil régional de Midi-Pyrénées

M. Pierrick MASSIOT

Président du Conseil régional de Bretagne

Mme Françoise MESNARD

Maire de Saint-Jean d'Angély

M. Jean-Vincent PLACE

Conseiller régional d'Île-de-France

M. Didier ROBERT

Président du Conseil régional de La Réunion

M. Stéphan ROSSIGNOL

Conseiller régional du Languedoc-Roussillon

M. Christophe ROUILLON

Maire de Coulaines

M. René SOUCHON

Président du Conseil régional d'Auvergne

M. Bernard SOULAGE

Vice-président du Conseil régional de Rhône-Alpes

**HRVATSKA**

Ms Snježana BUŽINEC

Mayor of the Municipality of Jakovlje

Mr Nikola DOBROSLAVIĆ

Prefect of Dubrovnik-Neretva County

Mr Valter FLEGO

Prefect of Istra County

Mr Bruno HRANIĆ

Mayor of the Municipality of Vidovec

Mr Danijel MARUŠIĆ

Prefect of Brod-Posavina County

Mr Vojko OBERSNEL

Mayor of the City of Rijeka

Ms Jelena PAVIČIĆ VUKIČEVIĆ

Councillor in the City of Zagreb Assembly

Mr Predrag ŠTROMAR

Prefect of Varaždin County

Mr Željko TURK

Mayor of the City of Zaprešić

**IRELAND**

Ms Maria BYRNE

Limerick City and County Council

Ms Kate FEENEY

Dun Laoghaire Rathdown County Council

Ms Mary FREEHILL

Dublin City Council

Mr Jerry LUNDY

Sligo County Council

Mr Kieran MCCARTHY

Cork City Council

Mr Hughie MCGRATH

Tipperary County Council

Mr Neale RICHMOND

Dun Laoghaire Rathdown County Council

Mr Enda STENSON

Leitrim County Council

Ms Rose CONWAY-WALSH

Mayo County Council

**ITALIA**

Sig. Giovanni ARDIZZONE

Consigliere regionale e Presidente della Assemblea regionale della Regione Siciliana

Sig. Matteo BESOZZI

Presidente Provincia di Novara

Sig. Matteo Luigi BIANCHI

Sindaco del Comune di Morazzone (VA)

Sig. Vincenzo BIANCO

Sindaco di Catania

Sig. Raffaele CATTANEO

Consigliere regionale e Presidente del Consiglio regionale della Regione Lombardia

Sig. Rosario CROCETTA

Presidente della Regione Siciliana

Sig. Luciano D'ALFONSO

Presidente della Regione Abruzzo

Sig. Mauro D'ATTIS

Consigliere comunale di Brindisi

Sig. Salvatore DE MEO

Sindaco di Fondi (LT)

Sig. Paolo DI LAURA FRATTURA

